

# Il-Ġurnal Uffiċjali L 174

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 66

7 ta' Lulju 2023

Werrej

### II Atti mhux leġiżlattivi

#### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1418 tat-30 ta' Ġunju 2023 li jikkonferixxi l-protezzjoni skont l-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-isem "Pic Saint-Loup" (DOP) .....** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1419 tal-4 ta' Lulju 2023 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda .....** 3
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1420 tal-4 ta' Lulju 2023 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda .....** 6
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1421 tas-6 ta' Lulju 2023 li japprova d-diossidu tal-kubrit irrilaxxat mill-metabisulfit tas-sodju bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 9 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> .....** 9

#### DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1422 tat-3 ta' Lulju 2023 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza interim b'rabta mad-deni tal-ħnieżer Afrikan fil-Kroazja (notifikata bid-dokument C(2023) 4589) <sup>(1)</sup> .....** 12
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1423 tal-5 ta' Lulju 2023 li tirrevoka d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1486 li tipposponi d-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12 <sup>(1)</sup> .....** 15
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1424 tal-5 ta' Lulju 2023 li ma ġġeddidx l-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> .....** 17

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agricoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

★ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1425 tas-27 ta' Ġunju 2023 dwar l-iffaċilitar tal-finanzi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli ..... 19

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1418

tat-30 ta' Ġunju 2023

li jikkonferixxi l-protezzjoni skont l-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-isem "Pic Saint-Loup" (DOP)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 99 tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 97(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-isem "Pic Saint-Loup" li ntbagħtitilha minn Franza u ppubblikatha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>.
- (2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jenħtieġ li l-isem "Pic Saint-Loup" jiġi protett u li jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 104 ta' dak ir-Regolament.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-isem "Pic Saint-Loup" (DOP) huwa b'dan protett.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

<sup>(2)</sup> ĠU C 53, 13.2.2023, p. 22.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ġunju 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Fisem il-President,*  
Janusz WOJCIECHOWSKI  
*Membri tal-Kummissjoni*

---

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1419****tal-4 ta' Lulju 2023****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 <sup>(2)</sup>, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffi u ta' miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, jenħtieġ li l-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta'din it-tabella.
- (4) Jixraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Jenħtieġ li dak il-perjodu jkun ta' 3 xhur.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' 3 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.<sup>(1)</sup> ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Fisem il-President,*  
Gerassimos THOMAS  
*Direttur Ġenerali*  
*Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni*

---

## ANNEX

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Sett ta' kikkri żgħar (4 kikkri) magħmul minn kina fina, b'zilġa delikata, imżejjen b'numri f'tipografija artistika.</p> <p>Il-kikkri m'għandhomx mankijiet. Huma għoljin madwar 6 cm u għandhom dijametru ta' madwar 5,5 cm.</p> <p>Il-kikkri jistgħu jintużaw bħala oġġetti tal-mejda jew bħala tiżjin (pereżempju, għall-fjuri jew għax-xemgħat).</p>	6911 10 00	<p>Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 6911 u 6911 10 00.</p> <p>Minħabba l-karatteristiċi oġġettivi tiegħu, is-sett ta' kikkri żgħar jitqies bħala oġġett tal-mejda. Mid-dehra u l-użu maħsub tiegħu, jissodisfa l-kamp ta' applikazzjoni tal-intestatura 6911, li tkopri oġġetti tal-mejda, oġġetti tal-keċina, oġġetti oħrajn tad-dar u oġġetti tat-twaletta, tal-porċellana jew tal-kina.</p> <p>Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 6913 bħala oġġetti ornamentali hija eskluża peress li din l-intestatura tkopri oġġetti tal-mejda u oġġetti domestiċi oħrajn biss jekk l-utilità tal-oġġetti hija subordinata b'mod ċar għall-karattru ornamentali tagħhom. Is-sett ta' kikkri żgħar huwa ddisinjat essenzjalment biex iservi skopijiet utli, u t-tiżjin tiegħu huwa sekondarju u ma jfixkilx l-utilità. Għalhekk, dan iservi skop utli mhux inqas effiċjenti mill-kontropartijiet aktar sempliċi tiegħu (ara n-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 6913, il-punt (B)).</p> <p>Għaldaqstant, is-sett ta' kikkri żgħar għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 6911 10 00 bħala oġġetti tal-mejda u tal-keċina, tal-porċellana jew tal-kina.</p>

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1420****tal-4 ta' Lulju 2023****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 <sup>(2)</sup>, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffi u ta' miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, jenħtieġ li l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Jixraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Jenħtieġ li dak il-perjodu li jkun ta' 3 xhur.
- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif imniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' 3 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.<sup>(1)</sup> ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).



Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Fisem il-President,*  
Gerassimos THOMAS  
*Direttur Ġenerali*  
*Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni*

---

## ANNEX

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Platt magħmul minn kina fina, b'zilġa delikata, imżejjen b'itra f'tipografija artistika. Il-platt għandu dijametru ta' madwar 20 cm.</p> <p>Il-platt jista' jintuża bħala oġġett tal-mejda jew bħala tiżjin tal-ħajt (bl-użu ta' ganċijiet biex jiddendlu l-platti mhux preżenti fil-ħin tal-importazzjoni).</p>	6911 10 00	<p>Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 6911 u 6911 10 00.</p> <p>Minħabba l-karatteristiċi oġġettivi tagħha, il-platt huwa oġġett tal-mejda. Mid-dehra u l-użu maħsub tiegħu, jissodisfa l-kamp ta' applikazzjoni tal-intestatura 6911, li tkopri oġġetti tal-mejda, oġġetti tal-kċina, oġġetti oħrajn tad-dar u oġġetti tat-twaletta, tal-porċellana jew tal-kina.</p> <p>Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 6913 bħala oġġett ornamenti hija eskluża peress li din l-intestatura tkopri oġġetti tal-mejda u oġġetti domestiċi oħrajn biss jekk l-utilità tal-oġġetti hija b'mod ċar subordinata għall-karattru ornamenti tagħhom. Il-platt huwa ddisinjat essenzjalment biex iservi skopijiet utli, u t-tiżjin tiegħu huwa sekondarju u ma jfixkilx l-utilità. Għalhekk, dan iservi skop utli mhux inqas effiċjenti mill-kontropartijiet aktar sempliċi tiegħu (ara n-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 6913, punt (B)).</p> <p>Għaldaqstant, il-platt għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 6911 10 00 bħala oġġetti tal-mejda u tal-kċina, tal-porċellana jew tal-kina.</p>

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1421****tas-6 ta' Lulju 2023****li japprova d-diossidu tal-kubrit irrilaxxat mill-metabisulfit tas-sodju bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 9 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-2 ta' Diċembru 2013, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") irċeviet applikazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, għall-approvazzjoni tad-diossidu tal-karbonju rrilaxxat mill-metabisulfit tas-sodju bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 9, għall-preservazzjoni ta' materjali fibrużi jew polimerizzati, bħalma huma l-prodotti tal-ġilda u tal-gomma, kif deskritt fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. L-applikazzjoni ġiet evalwata mill-awtorità kompetenti tal-Ġermanja ("l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni").
- (2) Fit-22 ta' Jannar 2018, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni ppreżentat ir-rapport ta' valutazzjoni dwar l-applikazzjoni flimkien mal-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tagħha lill-Aġenzija. L-Aġenzija ddiskutiet ir-rapport ta' valutazzjoni u l-konklużjonijiet fil-laqgħat tekniċi.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 75(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali jħejji l-opinjoni tal-Aġenzija rigward l-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi. F'konformità mal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali adotta l-opinjoni tal-Aġenzija fis-26 ta' Settembru 2022 <sup>(2)</sup>, filwaqt li qies il-konklużjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni.
- (4) Fl-opinjoni, l-Aġenzija kkonkludiet li jista' jkun mistenni li l-prodotti bijoċidali tat-tip 9 li jużaw id-diossidu tal-kubrit irrilaxxat mill-metabisulfit tas-sodju jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, dment li jkun hemm konformità ma' ċerti kundizzjonijiet dwar l-użu tagħhom.
- (5) Filwaqt li titqies l-opinjoni tal-Aġenzija, jixraq li d-diossidu tal-kubrit irrilaxxat mill-metabisulfit tas-sodju bħala sustanza attiva jiġi approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 9, soġġett għall-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-diossidu tal-kubrit irrilaxxat mill-metabisulfit tas-sodju huwa approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 9 soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

<sup>(1)</sup> ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.<sup>(2)</sup> Biocidal Products Committee Opinion on the application for approval of the active substance sulfur dioxide released from sodium metabisulfite; Product-type 9; ECHA/BPC/355/2022, adottata fis-26 ta' Settembru 2022.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Lulju 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX

Isem Komuni	Isem IUPAC Numri tal-Identifikazzjoni	Grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva <sup>(1)</sup>	Data tal- approvazzjoni	Data ta' skadenza tal- approvazzjoni	Tip tal- prodott	Kundizzjonijiet speċifiċi
Diossidu tal-kubrit irrilaxxat mill-metabisulfit tas-sodju	Isem IUPAC: disulfit tad-disodju  Nru EC: 231-673-0  Nru CAS: 7681-57-4	Purità minima tal-metabisulfit tas-sodju: 95 % w/w	l-1 ta' Awwissu 2023	il-31 ta' Lulju 2033	9	L-awtorizzazzjoni tal-prodotti bijoċidali hija soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Il-valutazzjoni tal-prodott għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-esponimenti, lir-riskji u lill-efikaċja marbuta ma' kull-użu kopert minn applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, iżda li mhumiex indirizzati fil-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanza attiva fil-livell tal-Unjoni; (2) Il-valutazzjoni tal-prodott għandha tagħti attenzjoni partikolari lill: (a) utenti professjonali; (b) trabi li telqu jimxu.

<sup>(1)</sup> Il-purità indikata f'din il-kolonna kienet il-grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva evalwata. Is-sustanza attiva fil-prodott li jitqiegħed fis-suq tista' tkun tal-istess purità jew ta' purità differenti jekk ikun ġie ppruvat li hija ekwivalenti teknikament għas-sustanza attiva evalwata.

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1422

tat-3 ta' Lulju 2023

dwar ċerti miżuri ta' emerġenza interim b'rabta mad-deni tal-ħnieżer Afrikan fil-Kroazja

(notifikata bid-dokument C(2023) 4589)

(It-test bil-Kroat biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 259(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-deni tal-ħnieżer Afrikan huwa marda virali infettiva li taffettwa lill-annimali porċini miżmuma u selvaġġi u jista' jkollha impatt serju fuq il-popolazzjoni tal-annimali kkonċernati u fuq il-profittabbiltà tat-trobbija tal-annimali, li jikkawża tfixkil fil-movimenti tal-konsenji ta' dawk l-annimali u tal-prodotti tagħhom fl-Unjoni u fl-espertazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi.
- (2) Fil-każ ta' tifqigħat tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-annimali porċini miżmuma, hemm riskju serju li dik il-marda tinxtered fi stabbilimenti oħra tal-annimali porċini miżmuma.
- (3) Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/687<sup>(2)</sup> jissupplimenta r-regoli għall-kontroll tal-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2016/429, u ddefinit bħala mard tal-kategoriji A, B u C fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882<sup>(3)</sup>. B'mod partikolari, l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedu l-istabbiliment ta' żona ristretta f'każ ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, inkluż id-deni tal-ħnieżer Afrikan, kif ukoll ċerti miżuri li għandhom jiġu applikati fiha. Barra minn hekk, l-Artikolu 21(1) ta' dak ir-Regolament Delegat jipprevedi li ż-żona ristretta għandha tinkludi żona ta' protezzjoni, żona ta' sorveljanza, u jekk ikun meħtieġ aktar żoni ristretti madwar iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza jew maġenbhom.
- (4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/594<sup>(4)</sup> jistabbilixxi miżuri ta' kontroll speċjali tal-mard rigward id-deni tal-ħnieżer Afrikan. B'mod partikolari, l-Artikolu 3, il-punt (a) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprevedi l-istabbiliment ta' żona ristretta fil-każ ta' tifqigħa tad-deni tal-ħnieżer Afrikan f'annimali porċini miżmuma, f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

<sup>(1)</sup> ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/594 tas-16 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard għad-deni tal-ħnieżer Afrikan u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605 (ĠU L 79, 17.3.2023, p. 65).

- (5) Il-Kroazja infurmat lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fit-territorju tagħha, wara li għet ikkonfermata tifqigħa ta' dik il-marda f'annimali porċini miżmuma fil-kontea ta' Vukovarsko-Srijemska fis-26 ta' Ġunju 2023, u, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, stabbiliet żona ristretta, li tinkludi żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, li fiha jiġu applikati l-miżuri ġenerali għall-kontroll tal-mard stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687, sabiex jiġi evitat aktar tixrid ta' dik il-marda.
- (6) Sabiex ikun evitat it-tfixkil bla bżonn fil-kummerċ fl-Unjoni u biex tkun evitata l-impożizzjoni ta' ostakli mhux ġustifikati fil-kummerċ minn pajjiżi terzi, hemm bżonn li fil-livell tal-Unjoni tiġi identifikata ż-żona ristretta, li tinkludi ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza għad-deni tal-ħnieżer Afrikan fil-Kroazja, b'kollaborazzjoni ma' dak l-Istat Membru.
- (7) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni fir-rigward tat-tixrid tad-deni tal-ħnieżer Afrikan, huwa importanti li l-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni japplikaw malajr kemm jista' jkun.
- (8) Għaldaqstant, sakemm il-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf jagħti l-opinjoni tiegħu, jenħtieġ li ż-żona infettata fil-Kroazja tiġi stabbilita minnufih u elenkata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni kif ukoll li jiġi stabbilit it-tul taż-żmien ta' dak iż-żonar.
- (9) Din id-Deċiżjoni għandha tiġi rieżaminata fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-Kroazja għandha tiżgura li:

- (a) il-Kroazja tistabbilixxi minnufih żona ristretta li tinkludi żona ta' protezzjoni u żona ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu;
- (b) iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza msemmija fil-paragrafu (a) ikunu jinkludu mill-inqas iż-żoni elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sas-26 ta' Settembru 2023.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Kroazja.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
Stella KYRIAKIDES  
Membru tal-Kummissjoni

## ANNEX

Żoni stabbiliti bħala ż-żoni ristretti fil-Kroazja kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Iż-żona ta' protezzjoni tinkludi ż-żoni ta': — Il-muniċipalità ta' Drenovci, — Il-muniċipalità ta' Ġunja, — Il-muniċipalità ta' Privlaka.	26.9.2023
Iż-żona ta' sorveljanza tinkludi ż-żoni ta': — Il-muniċipalità ta' Andrijaševci — Il-muniċipalità ta' Bošnjaci — Il-muniċipalità ta' Cerna — Il-muniċipalità ta' Gradište — Il-muniċipalità ta' Nijemci — Il-belt ta' Otok — Il-muniċipalità ta' Stari Jankovci — Il-muniċipalità ta' Vrbanja — Il-belt ta' Vinkovci — Il-muniċipalità ta' Babina Greda — Il-muniċipalità ta' Bogdanovci — Il-muniċipalità ta' Borovo — Il-muniċipalità ta' Ivankovo — Il-muniċipalità ta' Jarmina — Il-muniċipalità ta' Lovas — Il-muniċipalità ta' Markušica — Il-muniċipalità ta' Negoslavci — Il-muniċipalità ta' Nuštar — Il-muniċipalità ta' Stari Mikanovci — Il-muniċipalità ta' Štitar — Il-muniċipalità ta' Tompojevci — Il-muniċipalità ta' Tordinci — Il-muniċipalità ta' Tovarnik — Il-muniċipalità ta' Trpnja — Il-muniċipalità ta' Vodinci — Il-belt ta' Ilok — Il-belt ta' Vukovar — Il-belt ta' Županja	26.9.2023



**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1423****tal-5 ta' Lulju 2023****li tirrevoka d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1486 li tipposponi d-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

- (1) L-akrolein ġie inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12. Skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, ġie għalhekk ikkunsidrat bħala approvat skont dak ir-Regolament sal-31 ta' Awwissu 2020 soġġett għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE.
- (2) Fit-28 ta' Frar 2019, ġiet sottomessa applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12 ("l-applikazzjoni") billi l-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12 kellha tiskadi fil-31 ta' Awwissu 2020.
- (3) Id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1037 <sup>(3)</sup> pposponiet id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12 sat-28 ta' Frar 2023 sabiex ikun hemm biżżejjed żmien għall-eżami tal-applikazzjoni. Dik l-iskadenza reġġgħet ġiet posposta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1486 <sup>(4)</sup> għat-28 ta' Frar 2025.
- (4) Madankollu, fis-6 ta' Ottubru 2022, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni taċ-Ċekja infurmat lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni li l-applikant kien irtira l-applikazzjoni tiegħu għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fi prodott bijoċidali tat-tip ta' prodott 12. Konsegwentement, peress li ma ġiex stabbilit li l-akrolein għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1424 <sup>(5)</sup> ma gēdditx l-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12. Għalhekk, huwa xieraq li titħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1486 li tipposponi d-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-akrolein,

<sup>(1)</sup> ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1037 tal-15 ta' Lulju 2020 li tipposponi d-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12 (ĠU L 227, 16.7.2020, p. 72).

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1486 tas-7 ta' Settembru 2022 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 233, 8.9.2022, p. 83).

<sup>(5)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1424 tal-5 ta' Lulju 2023 li ma gēddidix l-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 174, ..., p. 17).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1486 hija mħassra.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1424****tal-5 ta' Lulju 2023****li ma ġġeddidx l-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) tiegħu,

Billi:

- (1) L-akrolein ġie inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12. Skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, ġie għalhekk ikkunsidrat bħala approvat skont dak ir-Regolament sal-31 ta' Awwissu 2020 soġġett għar-reqwiziti stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE.
- (2) Fit-28 ta' Frar 2019, tressqet applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12 ("l-applikazzjoni") billi l-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12 kellha tiskadi fil-31 ta' Awwissu 2020.
- (3) Id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1037 <sup>(3)</sup> pposponiet id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12 sat-28 ta' Frar 2023 sabiex ikun hemm biżżejjed żmien għall-eżami tal-applikazzjoni. Dik l-iskadenza reġgħet għet posposta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1486 <sup>(4)</sup> għat-28 ta' Frar 2025.
- (4) Madankollu, fis-6 ta' Ottubru 2022, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni infurmat lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni li l-applikant kien irtira l-applikazzjoni tiegħu għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12. Konsegwentement, peress li ma ġiex stabbilit li l-akrolein għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, jixraq li l-approvazzjoni tal-akrolein ma tiġġeddidx għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12.
- (5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-approvazzjoni tal-akrolein bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12 mhijiex imġedda.

<sup>(1)</sup> ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1037 tal-15 ta' Lulju 2020 li tipposponi d-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12 (ĠU L 227, 16.7.2020, p. 72).<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1486 tas-7 ta' Settembru 2022 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 233, 8.9.2022, p. 83)

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1425

tas-27 ta' Ġunju 2023

dwar l-iffaċilitar tal-finanzi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) It-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli sal-2050 hija ta' sfida iżda toffri wkoll opportunitajiet għall-ekonomija tal-Unjoni. L-investiment fit-tranżizzjoni ekoloġika se jgħin biex l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima b'ekonomija sostenibbli.
- (2) Hija meħtieġa azzjoni urġenti f'dan id-deċennju biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'55 % u jintlaħqu l-oġġettivi ambjentali tagħna, b'mod partikolari dawk relatati mal-kriżijiet tan-natura u tal-ilma, sal-2030. L-Unjoni se jkollha bżonn tinvesti madwar EUR 700 biljun aktar kull sena mill-2021 sal-2030 milli investiet mill-2011 sal-2020 biex tiddekarbonizza l-ekonomija tagħha, tilħaq l-oġġettivi ambjentali tagħha <sup>(1)</sup> u dawk tal-Att dwar l-Industrija Nett Zero propost <sup>(2)</sup>.
- (3) Il-finanzjament għat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u sostenibbli llum huwa meħtieġ għal dawk l-impriżi li jixtiequ jsiru sostenibbli iżda ma jistgħux jaqilbu f'pass wieħed lejn mudell ta' prestazzjoni newtrali għall-klima u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent. Il-finanzjament tat-tranżizzjoni se jkun meħtieġ matul is-sena li jgejjin biex tiġi żgurata tranżizzjoni f'waqtha u ordnata tal-ekonomija reali lejn is-sostenibbiltà filwaqt li tiġi żgurata l-kompetittività tal-ekonomija tal-UE. Mhux it-teknoloġiji kollha għadhom disponibbli għal ekonomija sostenibbli u l-atturi ekonomiċi jistgħu jilhqqu dawn l-oġġettivi b'pass differenti.
- (4) Il-finanzjament sostenibbli huwa dwar il-finanzjament kemm ta' dak li diġà huwa ekoloġiku kif ukoll ta' dak li qed jgħaddi għal tali livelli ta' prestazzjoni maż-żmien. Il-livell ta' investimenti sostenibbli huwa mistenni li jżied maż-żmien, hekk kif it-tranżizzjoni tavvanza.
- (5) Bħala tali, u għalkemm il-qafas legali tal-Unjoni ma jiddefinixxix il-kunċett ta' finanzjament ta' tranżizzjoni, il-finanzjament ta' tranżizzjoni jenħteġ li jinftiehem bħala l-finanzjament ta' titjib fil-prestazzjoni klimatika u ambjentali għat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, b'pass li jkun kompatibbli mal-oġġettivi klimatiċi u ambjentali tal-UE.

<sup>(1)</sup> L-Unjoni se jkollha bżonn tinvesti EUR 477 biljun aktar fis-sena fl-2021–2030 milli għamlet fl-2011–2020 biex tilħaq il-miri tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-setturi tal-enerġija u tat-trasport. Se jkollha bżonn tinvesti EUR 110 biljun addizzjonali fis-sena biex tilħaq l-oġġettivi ambjentali tagħha. Għad-dettalji, ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar "Valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' investiment u disponibbiltajiet ta' finanzjament biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti tal-UE (SWD (2023) 68 final), u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "L-ekonomija tal-UE wara l-COVID-19: implikazzjonijiet għall-governanza ekonomika, COM(2021) 662 final.

<sup>(2)</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tiħih tal-ekosistema tal-manifattura ta' prodotti b'teknoloġija zero netti tal-Ewropa (l-Att dwar l-Industrija Net-Zero), COM (2023) 161 final.

- (6) Il-qafas tal-finanzi sostenibbli tal-UE, inkluż ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>, il-metodoloġiji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/2089 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>, id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup> u l-proposta għal Regolament dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej <sup>(6)</sup> fihom salvagwardji u prinċipji li jistgħu jinfurmu aktar x'jikkostitwixxi finanzjament ta' tranżizzjoni.
- (7) Il-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u sostenibbli huwa fil-qalba tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2021 dwar Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli <sup>(7)</sup>, li tiddekrivi l-ħtieġa ta' approċċ inklużiv għal finanzjament sostenibbli irrispettivament mis-setturi, il-ġeografiji, l-atturi u l-punti ta' tluq differenti fit-tranżizzjoni.
- (8) Din ir-Rakkomandazzjoni tiċċara l-kunċett ta' finanzjament ta' tranżizzjoni, filwaqt li tirrikonoxxi r-rwol sinifikanti li l-parteċipanti fis-suq jista' jkollhom billi jużaw volontarjament għodod mill-qafas ta' finanzjament sostenibbli tal-Unjoni, kif meħtieġ, għall-finanzjament ta' tranżizzjoni.
- (9) L-impriżi, l-intermedjarji finanzjarji u l-investituri, l-Istati Membri u l-awtoritajiet supervizzorji jistgħu jiġbru, jipprovdu jew jindirizzaw il-finanzjament tat-tranżizzjoni permezz tal-użu volontarju ta' għodod ta' finanzjament sostenibbli kif stabbilit f'din ir-Rakkomandazzjoni.
- (10) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tappoġġa l-finanzjament ta' tranżizzjoni f'ambjent fdat għall-investituri billi tinkoraġġixxi l-użu volontarju ta' għodod ta' finanzjament sostenibbli u divulgazzjonijiet b'modi li jistgħu jiżguraw il-kredibbiltà tal-opportunitajiet ta' investment fi tranżizzjoni.
- (11) Din ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq il-qafas tal-finanzi sostenibbli tal-Unjoni u fuq elementi minn inizjattivi internazzjonali ewlenin għall-finanzjament ta' tranżizzjoni bħall-Gwida tal-OECD dwar il-Finanzjament tat-Tranżizzjoni <sup>(8)</sup>, il-Qafas tal-G20 għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni <sup>(9)</sup>, ir-Rapport dwar il-Finanzjament tat-Tranżizzjoni tal-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzi Sostenibbli <sup>(10)</sup> u r-Rapport tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Impenji ta' Emissjonijiet Netti Żero ta' Entitajiet Mhux Statali <sup>(11)</sup>. Għalhekk, l-investituri internazzjonali li jsegwu din ir-Rakkomandazzjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jqabblu l-aspetti ewlenin tal-miri ta' tranżizzjoni u l-ħtieġijiet ta' finanzjament tagħhom mal-prattika tas-suq internazzjonali.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13). Minn hawn 'il quddiem, it-terminu "Tassonomija" jirreferi għar-Regolament (UE) 2020/852 flimkien mal-Atti Delegati adottati skont dak ir-Regolament.

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/2089 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward ta' Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE, ta' Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi u ta' divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà għall-parametri referenzjarji (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 17)

<sup>(5)</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15).

<sup>(6)</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bonds ekoloġiċi Ewropej, COM/2021/391 final. Ftehim politiku mill-huq mill-koleġiżlaturi fit-28 ta' Frar 2023.

<sup>(7)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, COM (2021) 390 final.

<sup>(8)</sup> OECD (2022), Gwida tal-OECD dwar il-Finanzjament tat-Tranżizzjoni: L-Iżgurar tal-Kredibbiltà tal-Pjanijiet ta' Tranżizzjoni Korporattiva għall-Klima, il-Finanzjament Ekoloġiku u l-Investment, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi.

<sup>(9)</sup> G20 (2022), 2022 G20 Rapport dwar il-Finanzi Sostenibbli.

<sup>(10)</sup> Il-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzi Sostenibbli (2022), Rapport dwar il-Finanzjament tat-Tranżizzjoni. Disponibbli fi: [https://finance.ec.europa.eu/system/files/2022-11/221109-international-platform-sustainable-report-transition-finance\\_en.pdf](https://finance.ec.europa.eu/system/files/2022-11/221109-international-platform-sustainable-report-transition-finance_en.pdf)

<sup>(11)</sup> Il-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Impenji ta' Emissjonijiet Netti Żero ta' Entitajiet Mhux Statali (2022), Kwistjonijiet ta' Integrità: Impenji Nett Żero min-Negożji, l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, il-Bliet u r-Reġjuni.

- (12) It-tranżizzjoni biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew <sup>(12)</sup> tinkludi t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika sal-2050, bl-għan li t-tibdil fil-klima jiġi limitat għal tisħin globali ta' 1,5 °C f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima <sup>(13)</sup>, it-tranżizzjoni lejn ekonomija reżiljenti għat-tibdil fil-klima, u t-tranżizzjoni lejn ekonomija ambjentalment sostenibbli, jiġifieri ekonomija ċirkolari, tniġġis zero, ekonomija pożittiva għan-natura u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar.
- (13) Il-parteċipanti fis-suq jistgħu japplikaw din ir-Rakkomandazzjoni kemm għat-tranżizzjoni klimatika kif ukoll għal dik ambjentali.
- (14) L-impriżi (inklużi kemm l-impriżi mhux finanzjarji kif ukoll dawk finanzjarji) jista' jkollhom punti ta' tluq differenti fit-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà, skont diversi fatturi, bħas-setturi u l-ġeografiji li fihom ikunu attivi. L-impriżi għandhom ukoll possibbiltajiet u kapaċitajiet differenti għat-tranżizzjoni, skont id-daqs tagħhom, ir-riżorsi finanzjarji u fiżiċi disponibbli jew id-disponibbiltà tal-infrastruttura u t-teknoloġiji. B'riżultat ta' dan, l-impriżi se jkollhom ħtiġijiet ta' finanzjament differenti.
- (15) L-użu tal-finanzjament ta' tranżizzjoni huwa volontarju. Mhux l-impriżi kollha, u mhux is-setturi ekonomiċi kollha, għandhom ħtiġijiet finanzjarji ta' tranżizzjoni klimatika jew ambjentali sinifikanti. Iżda fejn l-impatti jistgħu jitnaqqsu u qed jitnaqqsu, dak it-titjib għandu jiġi rikonossut u l-finanzjament għalih għandu jiġi ffaċilitat.
- (16) L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jista' jkollhom bżonn jiffinanzjaw it-tranżizzjoni tagħhom, u fejn dan ikun il-każ, jistgħu jibbenefikaw mill-kisba ta' finanzjament ta' tranżizzjoni billi jipprovdu informazzjoni ewlenija dwar is-sostenibbiltà. Madankollu, minħabba d-daqs tagħhom u r-riżorsi aktar limitati, dan jista' jkun diffiċli u għali. L-SMEs jista' jkollhom bżonn l-appoġġ tas-sħab ta' finanzjament, tal-fornituri u tal-klijenti tagħhom fil-katina tal-valur tagħhom meta jikkunsidraw il-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni tagħhom u jaċċessaw il-finanzjament tat-tranżizzjoni fil-prattika. Intermedjarji korporattivi u finanzjarji kbar huma mħeġġa japplikaw il-prinċipju tal-proporzjonalità meta jinvolvu ruħhom mal-SMEs u jeżerċitaw trażżin meta jitolbu informazzjoni mis-sħab, il-fornituri u l-klijenti fil-katina tal-valur tal-SMEs.
- (17) Il-finanzjament ta' tranżizzjoni jista' jgħin ukoll biex tiġi ffinanzjata t-tranżizzjoni ta' impriżi li joperaw f'setturi li huma l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli. Pereżempju, investimenti ġodda u nefqa kapitali relatata ta' tali impriżi jistgħu jkunu kompatibbli mat-tranżizzjoni biex jintlaħqu l-oġġettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni.
- (18) Il-ħtiġijiet għall-finanzjament tat-tranżizzjoni jistgħu jiġu ddeterminati billi jiġu pplanati minn qabel u jiġu stabbiliti miri ta' tranżizzjoni. Dan jista' jsir, pereżempju, billi jiġu stabbiliti l-miri u l-azzjonijiet tal-kumpanija fuq terminu qasir, medju u twil f'konformità mat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u sostenibbli, u pjanijiet ta' investment u ta' azzjoni li jindikaw ir-riżorsi li ġew allokati u r-riżorsi li għadhom meħtieġa, biex jiġi żgurat li l-miri jintlaħqu u l-azzjonijiet jiġu pplanati u implimentati b'mod trasparenti, kredibbli u konsistenti. Dan jista' jsir kemm fil-livell tal-kumpanija kif ukoll fil-livell tal-attività, skont fejn tinqala' l-ħtieġa għal finanzjament ta' tranżizzjoni.
- (19) L-ippjanar tat-tranżizzjoni, li huwa l-proċess li bih l-impriżi jitraduċu l-ambizzjonijiet ambjentali u klimatiċi tagħhom f'azzjonijiet, jista' jgħin lill-impriżi jimminimizzaw ir-riskji strateġiċi u finanzjarji assoċjati mat-tranżizzjoni, jidentifikaw l-oportunitajiet tan-negozju, u jipprovdu ċarezza dwar l-istrateġija tan-negozju tagħhom li tista' tattira investituri u sħab kummerċjali ġodda.
- (20) Iżda l-impriżi jistgħu jużaw ukoll għodod ta' finanzjament sostenibbli tal-Unjoni, bħat-Tassonomija, mhux biss biex jiddivulgaw attivitajiet allinjati mat-Tassonomija u nefqiet kapitali, iżda wkoll bħala għodda li tħares 'il quddiem għall-proċess ta' tranżizzjoni tagħhom, bl-użu tal-kriterji tat-Tassonomija bħala punti ta' referenza għall-istabbiliment tal-miri. It-Tassonomija qed tintuża dejjem aktar għal skopijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni, b'ħafna impriżi jirrapportaw nefqa kapitali allinjata mat-Tassonomija li hija materjalment oġhla mid-dħul allinjat, speċjalment f'setturi b'impatt għoli.

<sup>(12)</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni: Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final.

<sup>(13)</sup> Approvat mill-Unjoni fil-5 ta' Ottubru 2016; Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1).

- (21) L-investimenti biex jintlaħaq l-allinjament tat-Tassonomija f5 (eċċezzjonalment 10) snin huma rikonoxxuti bħala nefqa kapitali li hija allinjata bis-sħiħ mat-Tassonomija jekk tkun akkumpanjata minn pjan ta' nefqa kapitali, li huwa tip ta' pjan ta' tranżizzjoni fil-livell tal-attività<sup>(14)</sup>. Barra minn hekk, l-investimenti f'attivitajiet tranżizzjonali, kif definiti mir-Regolament (UE) 2020/852, huma investimenti fl-aħjar teknoloġiji disponibbli, u għalhekk huma rikonoxxuti wkoll bħala allinjati mat-Tassonomija, dment li ma jirriżultawx f'lock-ins intensivi fil-karbonju fit-tul jew jipprevjenu l-iżvilupp ta' teknoloġiji aktar ekoloġiċi. Dawn huma attivitajiet ekonomiċi fejn bħalissa ma teżisti l-ebda teknoloġija alternattiva u fejn il-prestazzjoni tinsab fi triq ta' tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika fil-futur. Biex jiġi żgurat titjib kontinwu matul it-tranżizzjoni, ir-Regolament (UE) 2020/852 jipprevedi rieżami tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar għall-attivitajiet tranżizzjonali kull tliet snin, biex jitqiesu t-teknoloġiji l-ġodda u l-evidenza xjentifika hekk kif isiru disponibbli.
- (22) It-Tassonomija tista' tkun ukoll gwida utli, li tikkomplementa l-miri klimatiċi jew ambjentali jew il-pjanijiet ta' tranżizzjoni, għal attivitajiet ekonomiċi li ma jistgħux jilhqqu kontribut sostanzjali għal wieħed mill-oġġettivi ambjentali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2020/852 iżda fejn għadu possibbli titjib sinifikanti fil-prestazzjoni ambjentali. Il-kriterji u l-prinċipji tiegħu jistgħu jintużaw biex jiġu stabbiliti miri interim jew minimi, li għalihom jista' jizzied il-finanzjament għat-tranżizzjoni, jekk l-investimenti jkunu kompatibbli mal-oġġettivi klimatiċi u ambjentali tal-UE<sup>(15)</sup>. Dan għandu jiġi żgurat permezz ta' pjan ta' tranżizzjoni għall-attività speċifika (pjan ta' tranżizzjoni bbażat fuq l-attività).
- (23) Id-data turi li t-Tassonomija qed taħdem kif maħsub, b'kumpaniji fl-indiċi STOXX Europe 600 li rrapportaw allinjament tat-Tassonomija mhux zero sa issa<sup>(16)</sup>, fuq medja tar-rapportar tal-allinjament tat-Tassonomija ta' madwar 23 % għan-nefqa kapitali, 24 % għan-nefqa operazzjonali u 17 % għad-dħul<sup>(17)</sup>.
- (24) Il-parametri referenzjarji tat-tranżizzjoni klimatika tal-UE u l-parametri referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi huma għodod xierqa għat-tfassil ta' portafolli b'oġġettivi ta' dekarbonizzazzjoni. Il-fondi ta' investiment li jintraċċaw daww il-parametri referenzjarji kibru b'mod konsiderevoli u bħalissa huma stmati għal EUR 116 biljun. L-użu ta' parametri referenzjarji ESG ibbażati fuq is-suq b'karatteristiċi ta' sostenibbiltà ambjentali qed jizzied ukoll.
- (25) Il-pjanijiet ta' tranżizzjoni huma għodda utli biex il-miri klimatiċi jew ambjentali jissarrfu fil-livelli kemm tal-impriżi kif ukoll tal-attivitajiet ekonomiċi f'azzjonijiet u pjan ta' investiment meta jikkomunikaw mal-intermedjarji finanzjarji u l-investituri. L-intermedjarji finanzjarji u l-investituri jistgħu jqisu wkoll l-informazzjoni mill-pjanijiet ta' tranżizzjoni u l-integrità, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-miri inklużi fil-pjanijiet meta jivvalutaw ir-riskji ta' tranżizzjoni u ta' sostenibbiltà fiżika assoċjati ma' investiment.
- (26) Il-pjanijiet ta' tranżizzjoni bħalissa mhumiex obbligatori, iżda qed isiru bħala waħda mill-għodod ewlenin li jħarsu l-quddiem li l-impriżi jistgħu jużaw biex jstabbilixxu u jartikolaw il-miri tagħhom u l-finanzjament meħtieġ biex jintlaħqu daww il-miri, u jinkludu informazzjoni dwar l-istadji importanti, l-attivitajiet, il-proċessi u r-riżorsi. Il-pjanijiet ta' tranżizzjoni jistgħu jiġu stabbiliti billi wieħed jiddependi fuq id-Direttiva (UE) 2022/2464 u l-istandards tar-rapportar skont din id-Direttiva, fejn il-pjanijiet ta' tranżizzjoni jkunu parti mill-istrateġija kummerċjali ġenerali ta' impriża li jkollha l-għan li tallinja ruħha mal-għan tal-Ftehim ta' Pariġi li jillimita ż-żieda fit-temperatura globali għal 1,5 °C.

<sup>(14)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2178 tas-6 ta' Lulju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-kontenut u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata minn impriżi soġġetti għall-Artikoli 19a jew 29a tad-Direttiva 2013/34/UE dwar attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli u li jispeċifika l-metodoloġija għall-konformità ma' dak l-obbligu ta' divulgazzjoni (ĠU L 443, 10.12.2021, p. 9), l-Anness I.

<sup>(15)</sup> In-nefjet għall-pjanijiet ta' tranżizzjoni bbażati fuq l-attività ma jistgħux jitqiesu allinjati mat-Tassonomija jekk ma jissodisfawx bis-sħiħ il-kriterji tat-Tassonomija rispettivi, iżda madankollu jistgħu jkunu pass sinifikanti lejn livelli mtejba ta' prestazzjoni tas-sostenibbiltà u jattiraw finanzjament ta' tranżizzjoni.

<sup>(16)</sup> Mis-17 ta' Mejju 2023, 63 % tal-impriżi STOXX Europe 600 diġà ddivulgaw l-eliġibbiltà u l-allinjament tat-Tassonomija tagħhom għas-sena finanzjarja 2022; sors: Bloomberg.

<sup>(17)</sup> Kważi tnejn minn kull tliet kumpaniji li ddivulgaw nefqa kapitali eliġibbli għat-Tassonomija rrapportaw ċifra ta' allinjament mhux zero u waħda minn kull żewġ kumpaniji li ddivulgaw dħul eliġibbli rrapportaw livell mhux zero ta' dħul allinjat; Sors: Bloomberg.



- (27) L-impriża li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar tad-Direttiva (UE) 2022/2464 se jkollhom jikkomunikaw kwalunkwe mira marbuta biż-żmien dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà li jista' jkollhom, kif ukoll kwalunkwe pjan li jista' jkollhom biex jiżguraw li l-mudell u l-istrateġija tan-negozju tagħhom ikunu kompatibbli mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u biex jillimitaw it-tisħin globali għal 1,5 °C.
- (28) Il-Kummissjoni ressqet proposta għal Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva <sup>(18)</sup> fi Frar 2022 sabiex tiżgura li l-kumpaniji attivi fis-suq intern iwettqu t-tranżizzjoni tas-sostenibbiltà tal-ekonomiji tagħna. Hija tipproponi li l-kumpaniji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha jadottaw pjan biex jiżguraw li l-mudelli kummerċjali u l-istrateġija tal-kumpanija jkunu kompatibbli mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u mal-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.
- (29) Pjan ta' tranżizzjoni, li huwa aspekk tal-istrateġija ġenerali tal-impriża, jista' jkopri wkoll it-tranżizzjoni lejn objettivi ambjentali. Il-kredibbiltà ta' pjan ta' tranżizzjoni tista' tissaħħaħ permezz tal-adozzjoni tiegħu mill-maniġment tal-kumpanija, permezz tal-inklużjoni ta' sett strutturat ta' miri u azzjonijiet fuq terminu qasir, medju u twil, inklużi r-riżorsi allokati u meħtieġa biex jiġi żgurat li l-miri u l-azzjonijiet jiġu implimentati b'mod kredibbli u konsistenti, inklużi il-kunsiderazzjoni u l-evitar ta' intrappolament fit-tul għal attivitajiet jew assi intensivi fil-gassijiet serra jew ta' ħsara sinifikanti għall-ambjent, meta titqies il-ħajja ta' dawk l-assi.
- (30) L-intermedjarji finanzjarji għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fl-appoġġ tat-tranżizzjoni tal-ekonomija reali lejn is-sostenibbiltà. Għalhekk, l-ġhoti ta' finanzjament ta' tranżizzjoni għall-ekonomija reali jippermetti lis-settur finanzjarju jissodisfa l-funzjoni ta' finanzjament tiegħu matul it-tranżizzjoni, inaqqas ir-riskju ta' tranżizzjoni maż-żmien, u jippermetti lis-settur jagħmel it-tranżizzjoni ordnata tiegħu stess. Il-finanzjament ta' tranżizzjoni u l-investimenti relatati jistgħu jnaqqsu r-riskju ta' tranżizzjoni finanzjarja fil-futur anki jekk ma jkunux awtomatikament soġġetti għal inqas riskju finanzjarju minn investimenti oħra.
- (31) Is-self u l-investimenti bankarji huma t-tnejn importanti għall-finanzjament tal-ekonomija reali, u t-tnejn huma mistennija li jipprovdu ammont sinifikanti ta' finanzjament ta' tranżizzjoni lill-impriżi. Il-banek u investituri istituzzjonali oħra jinsabu f'pożizzjoni partikolarment tajba biex jiprovdu finanzjament ta' tranżizzjoni lill-klijenti tagħhom, peress li jistgħu jużaw ir-relazzjonijiet tal-klijenti mill-qrib tagħhom. F'dan il-kuntest, il-banek jistgħu jikkunsidraw din ir-Rakkomandazzjoni flimkien mad-dispożizzjonijiet dwar ir-riskji ta' tranżizzjoni u fiżiċi fid-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(19)</sup> u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(20)</sup>, li bħalissa qed jiġu riveduti.
- (32) Il-parir li jmiss tal-Awtorità Bankarja Ewropea dwar is-self ekoloġiku <sup>(21)</sup>, kif ukoll il-ħidma tal-Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli <sup>(22)</sup>, se jikkunsidraw aspetti differenti tal-finanzjament ta' tranżizzjoni u se jipprovdu kontribut rilevanti għal kunsiderazzjonijiet futuri dwar dan is-suġġett.
- (33) Id-divulgazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà jgħinu biex jiġi ssimplifikat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-intermedjarji finanzjarji u l-impriżi fi tranżizzjoni. Pereżempju, informazzjoni li tħares 'il quddiem dwar il-miri klimatiki jew ambjentali jew il-pjanijiet ta' tranżizzjoni, fejn jeżistu, tista' tipprovdi informazzjoni utli għall-investituri u l-intermedjarji finanzjarji li huma stess huma impenjati li jagħmlu tranżizzjoni. L-informazzjoni se tgħin lill-intermedjarji finanzjarji u lill-investituri jiddeċiedu dwar x'għandhom jinkludu jew ma jinkludux fil-prodotti ta' investiment kif ukoll tivvaluta l-implikazzjonijiet ta' perijodi ta' żmien differenti ta' investiment u r-riskji ta' assi mhux rekuperabbli.

<sup>(18)</sup> Proposta għal Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937, COM(2022) 71.

<sup>(19)</sup> Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-supervizzjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

<sup>(20)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

<sup>(21)</sup> Pariri li ġejjin b'segwitu għas-Sejħa għal parir lill-Awtorità Bankarja Ewropea dwar self ekoloġiku u ipoteki, disponibbli fi: [https://www.eba.europa.eu/sites/default/documents/files/document\\_library/About%20Us/Missions%20and%20tasks/Call%20for%20Advice/2022/CfA%20on%20green%20loans%20and%20mortgages/1043881/EBA%20Call%20for%20Advice%20Green%20Loans%20and%20Mortgages\\_Clean.pdf](https://www.eba.europa.eu/sites/default/documents/files/document_library/About%20Us/Missions%20and%20tasks/Call%20for%20Advice/2022/CfA%20on%20green%20loans%20and%20mortgages/1043881/EBA%20Call%20for%20Advice%20Green%20Loans%20and%20Mortgages_Clean.pdf)

<sup>(22)</sup> Il-pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli stabbilita bl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2020/852. Aktar informazzjoni dwar din il-Pjattaforma hija disponibbli fi: [https://finance.ec.europa.eu/sustainable-finance/overview-sustainable-finance-old/platform-sustainable-finance\\_en](https://finance.ec.europa.eu/sustainable-finance/overview-sustainable-finance-old/platform-sustainable-finance_en)

- (34) L-intermedjarji finanzjarji u l-investituri jistgħu jikkontribwixxu wkoll għat-tranżizzjoni billi joffru soluzzjonijiet ta' finanzjament speċifiċi relatati mat-tranżizzjoni li huma marbuta ma' miri klimatiċi jew ambjentali stabbiliti mill-impriżi.
- (35) L-Istati Membri huma mistiedna jkomplu jqajmu kuxjenza dwar approċċi biex ifittxu jew jipprovdu finanzjament ta' tranżizzjoni. Huma mistiedna wkoll ikomplu jipprovdu taħriġ u assistenza teknika li jistgħu jgħinu biex jiżied l-użu tal-finanzjament ta' tranżizzjoni u jipprovdu soluzzjonijiet ta' finanzjament speċifiċi relatati mat-tranżizzjoni għall-impriżi li jixtiequ jinvolvu ruħhom fit-tranżizzjoni.
- (36) L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) u l-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti fl-Unjoni għandhom ikomplu jqajmu kuxjenza dwar l-approċċi rilevanti għall-finanzjament tat-tranżizzjoni. Dan se jgħin biex titrawwem il-fiduċja fil-parteċipanti fis-suq dwar kif jintużaw l-għodod ta' finanzjament sostenibbli tal-Unjoni b'mod effettiv u jitħeġġeġ l-użu ta' finanzjament ta' tranżizzjoni u jinaqqas ir-riskju ta' greenwashing.
- (37) Din ir-Rakkomandazzjoni ma tippovdix rakkomandazzjonijiet dwar l-aspetti kollha tal-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u sostenibbli. Għandha l-għan li tiċċara l-kunċetti bażiċi ta' finanzjament ta' tranżizzjoni u l-użu ta' għodod li jistgħu jinkoraġġixxu żieda fl-użu ta' finanzjament ta' tranżizzjoni privat.
- (38) Din ir-Rakkomandazzjoni mhijiex eżawrjenti peress li l-parteċipanti fis-suq jistgħu jsibu modi oħra biex jipromwovu jew iżidu l-finanzjament ta' tranżizzjoni li jallinja mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli. Dan għandu jiġi kkunsidrat flimkien ma' kwalunkwe żvilupp futur tas-suq jew leġislattiv. Il-Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli se tgħin biex jiġu identifikati l-prattiki tas-suq rilevanti relatati mal-finanzjament ta' tranżizzjoni, u l-parteċipanti fis-suq jistgħu jipprovdu feedback biex ikomplu jirfinaw l-elementi tal-qafas ta' finanzjament sostenibbli u l-użu tiegħu għall-finanzjament ta' tranżizzjoni permezz tal-Pjattaforma jew permezz ta' avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni organizzati mill-Kummissjoni, bħal sessjonijiet ta' ħidma u djalogi mal-partijiet ikkonċernati. Il-Kummissjoni se żżid ukoll l-involviment tagħha mas-sħab internazzjonali, eż. permezz tal-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzi Sostenibbli u ċ-Ċentru ta' Konsulenza għall-Finanzi Sostenibbli li jmiss fil-kuntest tal-Global Gateway, biex tippromwovi l-adozzjoni u l-interoperabbiltà internazzjonali tal-finanzjament ta' tranżizzjoni globalment.

#### ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

### 1. GĦAN U AMBITU

- 1.1. Din ir-Rakkomandazzjoni ssegwi l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli" <sup>(23)</sup>.
- 1.2. Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tappoġġa lill-parteċipanti fis-suq li jixtiequ jiksbu jew jipprovdu finanzjament ta' tranżizzjoni billi toffri suġġerimenti Prattiki dwar kif għandu jiġi avviċinat il-finanzjament ta' tranżizzjoni.
- 1.3. Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-impriżi li jridu jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u s-sostenibbiltà ambjentali, filwaqt li ttejjeb il-kompetittività tagħhom u qed ifittxu finanzjament għal investimenti għal dan l-għan. Dan għandu l-għan li jispjega l-użu ta' għodod ta' finanzjament sostenibbli għal dan l-għan. Il-finanzjament ta' tranżizzjoni u l-finanzjament ekoloġiku <sup>(24)</sup> jistgħu jiġu differenzjati mill-finanzjament ġenerali, li ma għandux objettivi ta' sostenibbiltà.
- 1.4. Din ir-Rakkomandazzjoni ġeneralment mhijiex maħsuba biex tapplika għall-mikrointrapriżi <sup>(25)</sup>, minħabba d-daqs u l-kapaċità amministrattiva tagħhom.

<sup>(23)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli", COM/2021/390 final.

<sup>(24)</sup> Id-distinzjoni u t-trikkib bejn il-finanzjament ta' tranżizzjoni u l-finanzjament ekoloġiku, kif ukoll kif dan jevolvi maż-żmien huma murija fit-Taqsima 1. tal-Anness.

<sup>(25)</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 1) tiddefinixxi l-mikrointrapriża bħala intrapriża li timpjega inqas minn 10 persuni u li l-fatturat annwali u/jew it-total tal-karta tal-bilanċ tagħha ma jaqbiżx l-EUR 2 miljun.

- 1.5. Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata wkoll lil
  - (a) intermedjarji finanzjarji u investituri li huma lesti li jipprovdu finanzjament ta' tranżizzjoni lill-impriżi,
  - (b) Stati Membri u awtoritajiet supervizzorji finanzjarji, biex iqajmu kuxjenza dwar is-suġġett u jipprovdu assistenza teknika, biex jinkoraġġixxu l-adozzjoni u l-forniment ta' finanzjament ta' tranżizzjoni għall-ekonomija reali.
- 1.6. Din ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tistabbilixxi obbligi legali.
- 1.7. Atturi mhux tal-Unjoni huma mistiedna jużaw ukoll din ir-Rakkomandazzjoni iżda jista' jkollhom ħtiġijiet speċifiċi li mhumiex riflessi f'din ir-Rakkomandazzjoni.

## 2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- 2.1. **Tranżizzjoni** tfisser tranżizzjoni mil-livelli attwali ta' prestazzjoni klimatika u ambjentali lejn ekonomija newtrali għall-klima, reżiljenti għat-tibdil fil-klima u ambjentalment sostenibbli f'perjodu ta' żmien li jippermetti li jintlaħqu:
  - (a) l-oġġettiv li ż-żieda fit-temperatura globali tiġi limitata għal 1,5 °C f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u, għall-impriżi u l-attivitajiet fl-Unjoni, l-oġġettiv li tinkiseb newtralità klimatika sal-2050 u tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(26)</sup>,
  - (b) l-oġġettiv tal-adattament għat-tibdil fil-klima <sup>(27)</sup>, u
  - (c) oġġettivi ambjentali oħra tal-Unjoni, kif speċifikat fir-Regolament (UE) 2020/852 bħall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-baħar u tal-ilma heġu, u t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari.
- 2.2. **Finanzjament ta' tranżizzjoni** tfisser finanzjament ta' investimenti kompatibbli mat-tranżizzjoni u li jikkontribwixxu għaliha, li jevita lock-ins, inkluż:
  - (a) investimenti f'portafolli li jseguw l-parametri referenzjarji tat-tranżizzjoni klimatika tal-UE u l-parametri referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi ("parametri referenzjarji klimatiċi tal-UE");
  - (b) investimenti f'attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija, inklużi:
    - attivitajiet ekonomiċi tranżizzjonali kif definiti mill-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 għall-oġġettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;
    - Attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-Tassonomija li jsiru allinjati mat-Tassonomija f'konformità mal-Artikolu 1(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2178 fuq perjodu massimu ta' 5 snin (eċċezzjonalment 10) <sup>(28)</sup>;
  - (c) investimenti f'impriżi jew attivitajiet ekonomiċi bi pjan ta' tranżizzjoni kredibbli fil-livell tal-impriża jew fil-livell tal-attività.
  - (d) investimenti f'impriżi jew f'attivitajiet ekonomiċi b'miri kredibbli bbażati fuq ix-xjenza, fejn proporzjonat, li huma appoġġati minn informazzjoni li tiżgura l-integrità, it-trasparenza u r-responsabbiltà.

<sup>(26)</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

<sup>(27)</sup> Kif definit fir-Regolament (UE) 2020/852.

<sup>(28)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2178 tas-6 ta' Lulju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-kontenut u l-preżentazzjoni ta' informazzjoni li għandha tiġi żvelata minn impriżi soġġetti għall-Artikoli 19a jew 29a tad-Direttiva 2013/34/UE dwar attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, u li jispeċifika l-metodoloġija biex ikun hemm konformità ma' dan l-obbligu ta' żvelar (ĠU L 443, 10.12.2021, p. 9).

- 2.3. **Pjan ta' tranżizzjoni** tfisser aspeċt tal-istrategġja ġenerali tal-impriża li jstabbilixxi l-miri u l-azzjonijiet tal-entità għat-tranżizzjoni tagħha lejn ekonomija newtrali għall-klima jew sostenibbli, inklużi azzjonijiet, bħat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħha f'konformità mal-objettiv li t-tibdil fil-klima jiġi limitat għal 1,5 °C.

### 3. RAKKOMANDEZZJONI LILL-IMPRIŻI LI QED IFITTXU FINANZJAMENT TA' TRANŻIZZJONI

Għodod ta' finanzjament sostenibbli biex jiġu ddeterminati u artikolati l-ħtiġijiet ta' finanzjament ta' tranżizzjoni

- 3.1. L-impriżi jistgħu jikkunsidraw il-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni tagħhom abbażi tal-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet tagħhom għas-sostenibbiltà. Dawn jistgħu jiġu identifikati permezz ta' valutazzjoni tal-materjalità.
- 3.2. Biex jiddeterminaw il-ħtiġijiet ta' finanzjament ta' tranżizzjoni tagħhom, l-impriżi jistgħu jibdew billi jstabbilixxu miri ta' tranżizzjoni u jiddefinixxu perkorsi ta' tranżizzjoni individwali bbażati fuq xenarji u perkorsi bbażati fuq ix-xjenza <sup>(29)</sup>.
- 3.3. L-għodod ta' finanzjament sostenibbli, b'mod partikolari t-Tassonomija jew il-parametri referenzjarji klimatiċi tal-UE kif ukoll pjanijiet ta' tranżizzjoni kredibbli jistgħu jintużaw biex jappoġġaw id-definizzjoni ta' miri ta' tranżizzjoni u jartikolaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' finanzjament tat-tranżizzjoni fil-livell tal-impriża u fil-livell tal-attivitajiet ekonomiċi <sup>(30)</sup>.
- 3.4. Billi jintegraw b'mod ċar il-miri ta' tranżizzjoni u l-ħtiġijiet relatati ta' finanzjament ta' tranżizzjoni fi pjan ta' tranżizzjoni kredibbli, l-intermedjarji finanzjarji u l-investituri jistgħu jifhmu, iqabblu u jikklassifikaw l-opportunitajiet ta' finanzjament ta' tranżizzjoni b'mod aktar faċli.
- 3.5. Il-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni jistgħu jiġu speċifikati bħala nefqa kapitali pplanata u, fejn xieraq, nefqa operatorja relatata mal-ilħuq tal-miri klimatiċi u ambjentali kif ukoll dħul attwali jew immirat relatat mat-tranżizzjoni.
- 3.6. Fejn rilevanti, l-impriżi jistgħu jiddiskutu mal-intermedjarji finanzjarji u l-investituri l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom ta' finanzjament tat-tranżizzjoni u l-aktar soluzzjonijiet ta' finanzjament xierqa.

### 4. L-UŻU TA' PERKORSI TA' TRANŻIZZJONI KREDIBBLI BIEX JIĠU STABILITI MIRI BBAŻATI FUQ IX-XJENZA

- 4.1. L-impriżi jistgħu jużaw xenarji u perkorsi ta' dekarbonizzazzjoni transsettorjali jew speċifiċi għas-settur disponibbli pubblikament, u fejn jeżistu xenarji ta' titjib ambjentali, bħala referenzi biex jstabbilixxu miri bbażati fuq ix-xjenza u jiddeterminaw il-ħtiġijiet finanzjarji ta' tranżizzjoni tagħhom.
- 4.2. Meta jintużaw xenarji jew perkorsi, huwa rakkomandat li jintużaw dawk li huma bbażati fuq ix-xjenza, u fil-każ ta' perkorsi ta' dekarbonizzazzjoni, dawk li huma konformi mal-Ftehim ta' Pariġi, bħax-xenarji ta' 1,5 °C tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija jew tal-Grupp Internazzjonali dwar it-Tibdil fil-Klima mingħajr ebda eċċess jew b'eċċess limitat <sup>(31)</sup>.
- 4.3. Huwa rakkomandat li jiġu aġġustati l-perkorsi għall-impriża individwali f'konformità mal-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni u abbażi tal-postijiet fejn topera u l-punt tat-tluq tal-impriża. Biex dan jiġi appoġġat, huwa rakkomandat ukoll li jiġu kkonsultati l-Perkorsi ta' Tranżizzjoni tal-UE kwalitattivi tal-Kummissjoni Ewropea għal kull ekosistema industrijali <sup>(32)</sup> meta jiġu evalwati l-isfidi tat-tranżizzjoni klimatika u t-teknoloġiji disponibbli tal-aqwa klassi, u l-isfidi ekoloġiċi, diġitali u ta' reżiljenza usa' f'settur partikolari.

<sup>(29)</sup> It-Taqsima 2. tal-Anness turi kif il-karatteristiċi differenti tal-miri ta' tranżizzjoni ta' impriża jistgħu jiġu riflessi fil-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni b'orizzonti ta' żmien differenti. L-illustrazzjoni 2 fl-Anness turi diversi għażliet biex jiġu artikolati l-ħtiġijiet ta' finanzjament ta' tranżizzjoni.

<sup>(30)</sup> It-Taqsima 3. tal-Anness tagħti ħarsa ġenerali lejn l-għodod li jistgħu jintużaw biex jiġu ddeterminati l-ħtiġijiet ta' finanzjament ta' tranżizzjoni u l-għażliet biex jinġabar il-finanzjament ta' tranżizzjoni.

<sup>(31)</sup> Sors possibbli għal xenarji bħal dawn jista' jkun ix-xenarji ppubblikati min-Netwerk għall-Ekoloġizzazzjoni tas-Sistema Finanzjarja.

<sup>(32)</sup> Il-perkorsi kwalitattivi ta' Tranżizzjoni tal-UE tal-Kummissjoni Ewropea huma disponibbli fi: [https://single-market-economy.ec.europa.eu/industry/transition-pathways\\_en](https://single-market-economy.ec.europa.eu/industry/transition-pathways_en).

- 4.4. Il-miri ta' tranżizzjoni bbażati fuq ix-xjenza jistgħu jintużaw biex jiżdied il-finanzjament ta' tranżizzjoni mingħajr pjan ta' tranżizzjoni, fejn dan ikun proporzjonat għall-kumplessità, id-daqs u l-impatti tal-impriża, u fejn ikunu appoġġati minn informazzjoni li tiżgura l-integrità u t-trasparenza ta' dawk il-miri u l-obbligu ta' rendikont għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet biex jintlaħqu dawk il-miri.

## 5. L-UŻU TAL-PARAMETRI REFERENZJARJI KLIMATIĊI TAL-UE

- 5.1. L-impriżi jistgħu jużaw, fejn xieraq, metodoloġiji użati għall-parametri referenzjarji klimatiċi tal-UE biex jikkomplementaw xenarji jew mogħdijiet ibbażati fuq ix-xjenza. Huma jistgħu jappoġġaw id-definizzjoni ta' perkorsi individwali fil-livell ta' impriża jew ta' proġett jew biex jistabbilixxu miri ta' tranżizzjoni u biex jgħinu fid-determinazzjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament ta' tranżizzjoni tagħhom.
- 5.2. L-istess metodoloġiji jistgħu jintużaw ukoll biex jiġi evitat li investimenti ġodda jsiru assi potenzjalment mhux rekuperabbli, u jistgħu jagħmluha possibbli li jiġi inkluż il-ħruġ tal-impriża, jew il-kapital miġbur għal proġett ta' tranżizzjoni rilevanti, f'portafoll ta' investment jew ta' self li jsegwi parametru referenzjarju klimatiku tal-UE <sup>(33)</sup>.

## 6. L-UŻU TAT-TASSONOMIJA TAL-UE

- 6.1. L-impriżi jistgħu jiddeterminaw il-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni tagħhom billi jużaw b'mod volontarju t-Tassonomija, flimkien ma' punti ta' referenza oħra bbażati fuq ix-xjenza, meta jistabbilixxu miri ta' tranżizzjoni għal attivitajiet ekonomiċi speċifiċi f'setturi ekonomiċi koperti mill-atti delegati adottati skont ir-Regolament (UE) 2020/852 <sup>(34)</sup>.
- 6.2. L-impriżi huma mħeġġa jużaw it-Tassonomija biex jipplanaw investimenti biex jissodisfaw il-kriterji tat-Tassonomija għal attività ekonomika partikolari f'5 (eċċezjonalment 10) snin, peress li tali investimenti huma diġà rikonoxxuti bħala allinjati bis-sħiħ mat-Tassonomija.
- 6.3. L-impriżi jistgħu jużaw it-Tassonomija biex jistabbilixxu stadji importanti u miri intermedji għat-tranżizzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi, biex ikomplu jtejbu l-prestazzjoni ambjentali jew biex fl-aħħar mill-aħħar jallinjaw mat-Tassonomija fuq perjodu ta' żmien itwal li għadu qasir biżżejjed biex ikun kompatibbli mat-tranżizzjoni. Pereżempju, fejn meħtieġ, l-impriżi jistgħu jużaw il-kriterji tat-Tassonomija biex jipplanaw allinjament gradwali mat-Tassonomija: bħala l-ewwel mira marbuta biż-żmien, għat-tranżizzjoni lil hinn mil-livelli ta' prestazzjoni definiti mill-kriterji ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti", u bħala t-tieni mira marbuta biż-żmien għall-allinjament ma' kriterji ta' kontribuzzjoni sostanzjali, spjegati fi pjan ta' tranżizzjoni bbażat fuq l-attività. <sup>(35)</sup>
- 6.4. Sabiex jiġi operazzjonalizzat l-użu tat-Tassonomija biex jiżdied il-finanzjament ta' tranżizzjoni, l-impriżi jistgħu jispeċifikaw il-ħtiġijiet ta' finanzjament ta' tranżizzjoni tagħhom f'termini tan-nefqa kapitali tal-impriża. Meta jkun xieraq, huma jistgħu jispeċifikaw ukoll dawn il-ħtiġijiet f'termini tan-nefqa jew dħul operattiv attwali u mmirat tagħhom, li huwa jew:
- (a) Allinjat mat-tassonomija,
  - (b) se jkun allinjat mat-Tassonomija fil-futur, jew
  - (c) juri titjib kontinwu fil-prestazzjoni bħala parti minn pjan ta' tranżizzjoni kredibbli li jkun konformi mat-tranżizzjoni.

## 7. UŻU TA' PJAN TA' TRANŻIZZJONI KREDIBBLI

- 7.1. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti legali, l-impriżi, speċjalment dawk b'attivitajiet li jinvolvu impatti materjali jew perkorsi kumplessi ta' tranżizzjoni, jistgħu jiżviluppaw pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell ta' impriża jew ta' attività, jew it-tnejn li huma, biex jartikolaw il-miri ta' tranżizzjoni, l-istadji importanti, l-azzjonijiet u l-ħtiġijiet tar-riżorsi b'mod strutturat u konsistenti.

<sup>(33)</sup> It-Taqsima 4. tal-Anness tispjega f'aktar dettall il-metodoloġiji tal-parametri referenzjarji klimatiċi tal-UE u kif dawn jistgħu jintużaw għall-artikolazzjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni.

<sup>(34)</sup> Bħall-Att Delegat dwar il-Klima u kwalunkwe att delegat futur li jispeċifika l-kriterji tekniċi ta' skrinjar.

<sup>(35)</sup> It-Taqsima 5. tal-Anness turi wkoll kif it-Tassonomija tista' tintuża għal dan l-għan.

- 7.2. L-istandards tar-rapportar skont id-Direttiva (UE) 2022/2464 jipprovdu mudell għall-iżvilupp ta' pjanijiet kredibbli ta' tranżizzjoni u ta' azzjoni, li l-impriżi jistgħu jużaw bl-għan li jiżguraw l-integrità, it-trasparenza, u r-responsabbiltà ta' tali pjanijiet.
- 7.3. It-Tassonomija u l-parametri referenzjarji klimatiċi tal-UE jistgħu jintużaw flimkien ma' perkorsi jew xenarji bbażati fuq ix-xjenza biex jiġu ddeterminati l-miri jew il-ħtiġijiet ta' finanzjament inklużi f'tali pjanijiet fil-livelli kemm tal-impriżi kif ukoll tal-attivitàjiet ekonomiċi.
- 7.4. Il-pjanijiet lejn is-sostenibbiltà ambjentali jistgħu jużaw ukoll il-Pjanijiet ta' Azzjoni ambjentali strateġiċi tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari <sup>(36)</sup>, Bijodiversità <sup>(37)</sup> u Tniġġis Żero <sup>(38)</sup>.

## 8. STRUMENTI TA' FINANZJAMENT BIEX JIŻDIED IL-FINANZJAMENT TA' TRANŻIZZJONI

- 8.1. L-impriżi huma mħeġġa jużaw wieħed, jew taħlita ta' diversi, strumenti ta' finanzjament relatati mat-tranżizzjoni biex jiġbru finanzjament ta' tranżizzjoni, bħal tipi speċifiċi ta' self jew ħruġ ta' swieq kapitali b'karatteristiċi speċifiċi <sup>(39)</sup>.

### *Self ekoloġiku jew self ieħor għas-sostenibbiltà*

- 8.2. Jekk impriża jkollha ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni, tista' tfttex tipi speċifiċi ta' self bħal self marbut mas-sostenibbiltà, self ekoloġiku jew self bi skop speċifiku ieħor.
- 8.3. L-intermedjarji finanzjarji qed jibdeu joffru self bħal dan u jistgħu joffru rati tal-imgħax kompetittivi meta l-prestazzjoni ambjentali prevista li fuqha jkun ibbażat is-self tgħin biex jitnaqqsu r-riskji ta' tranżizzjoni jew tippermetti rati ta' rifinanzjament aktar baxxi għall-intermedjarju finanzjarju.
- 8.4. L-investimenti biex jinkiseb għan ta' tranżizzjoni speċifiku, bħall-aġġornament tal-assi jew it-twertiq ta' investimenti ġodda li se jippermettu l-produzzjoni b'impatt klimatiku u ambjentali baxx, jistgħu jiġu ffinanzjati permezz ta' self bi skop speċjali bi dħul użat esklussivament għal dan l-għan (imsejjaħ ukoll "finanzjament tal-użu tar-rikavati"). L-artikolazzjoni tal-iskop permezz ta' miri ta' tranżizzjoni relatati mal-kriterji tat-Tassonomija tista' tinkoraġġixxi l-użu ta' self iddedikat għat-tranżizzjoni.
- 8.5. L-investimenti fit-titjib tal-prestazzjoni fil-livell tal-impriżi jistgħu jiġu ffinanzjati permezz ta' self marbut mas-sostenibbiltà b'miri ta' prestazzjoni klimatika jew ambjentali bbażati fuq ix-xjenza u marbuta biż-żmien li jservu bħala salvagwardji, u fejn ir-rati tal-imgħax ikunu marbuta mal-ilħuq tal-miri ta' prestazzjoni tas-sostenibbiltà pplanati, filwaqt li jiġu evitati effetti ta' intrappolament.

### *Bonds ekoloġiċi jew bonds oħra ta' sostenibbiltà*

- 8.6. L-impriżi jistgħu joħorġu wkoll strumenti tas-suq kapitali jew tipi speċifiċi ta' bonds, bħal bond ekoloġiku jew bonds oħra tas-sostenibbiltà, biex jiffinanzjaw it-tranżizzjoni tagħhom. Il-bonds jistgħu jintużaw biex jinġabar il-kapital kemm fil-livell tal-impriża kif ukoll fil-livell tal-attività ekonomika.
- 8.7. Biex jiġbru finanzjament ta' tranżizzjoni għal skop speċifiku, l-emittenti jistgħu jikkunsidraw il-ħruġ ta' bonds li juru l-użu tar-rikavati għal skopijiet ta' tranżizzjoni. Filwaqt li jeżistu standards internazzjonali tal-bonds ekoloġiċi u jistgħu jintużaw biex jiżdied il-finanzjament ta' tranżizzjoni, l-impriżi jistgħu jikkunsidraw ukoll li jużaw l-Istandard Ewropew għall-Bonds Ekoloġiċi għall-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi biex jiffinanzjaw attivitàjiet ekonomiċi li se jsiru allinjati mat-Tassonomija P5 (eċċezjonalment 10) snin.

<sup>(36)</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan ta' Azzjoni għid dwar l-Ekonomija Ċirkolari: Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva. COM/2020/98 final.

<sup>(37)</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna. COM/2020/380 final.

<sup>(38)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija". COM/2021/400 final.

<sup>(39)</sup> It-Taqsima 6. tal-Anness tipprovdi eżempji tal-istrumenti ta' finanzjament deskritti hawn taħt.

- 8.8. Il-bonds marbuta mas-sostenibbiltà jistgħu jintużaw biex jinġabar il-kapital għat-titjib fil-prestazzjoni tas-sostenibbiltà tal-impriża kemm fil-livell tal-impriża kif ukoll fil-livell tal-attività. Jenħtieġ li dawn ikunu marbuta ma' miri sodi ta' prestazzjoni tas-sostenibbiltà — pereżempju indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tat-Tassonomija — u perjodu ta' żmien li jkun allinjat mat-tranżizzjoni, peress li l-kupuni normalment jinħarġu bil-kundizzjoni li tinkiseb u tiġi inċentivata l-prestazzjoni prevista.
- 8.9. L-għodod ta' finanzjament sostenibbli msemmija fil-punti 3 sa 7 jistgħu jintużaw bħala miri ta' prestazzjoni u biex tissaħħaħ aktar il-kredibbiltà tal-bonds marbuta mas-sostenibbiltà.

*Finanzjament ta' ekwità u self speċjalizzat*

- 8.10. L-impriżi jistgħu joħorġu wkoll strumenti ta' ekwità jew jikkunsidraw soluzzjonijiet ta' self speċjalizzat li huma marbuta ma' miri ta' prestazzjoni tas-sostenibbiltà fil-livell tal-impriża, fil-livell tal-proġett jew fil-livell tal-attività ekonomika. Jistgħu jintużaw approċċi simili għal dawk deskritti hawn fuq għall-istabbiliment ta' tali miri ta' prestazzjoni.

**9. RAKKOMANDEZZJONI LILL-INTERMEDJARJI FINANZJARJI U LILL-INVESTITURI LI LESTI JIPPROVDU FINANZJAMENT TA' TRANŻIZZJONI**

Għodod għall-istabbiliment ta' miri ta' finanzjament ta' tranżizzjoni u għall-identifikazzjoni ta' proġetti jew impriżi

- 9.1. L-intermedjarji finanzjarji jistgħu jikkontribwixxu għall-finanzjament tat-tranżizzjoni billi jirriflettu l-oġettivi tal-finanzjament tat-tranżizzjoni fl-istrategġija tas-self jew tal-investment tagħhom.
- 9.2. Meta jistabbilixxu miri ta' tranżizzjoni u jfasslu approċċi ta' finanzjament ta' tranżizzjoni għal portafolli u strategġiji ta' investment jew self, l-intermedjarji finanzjarji jistgħu:
- jikkunsidraw ir-rakkomandazzjonijiet lill-impriżi dwar id-determinazzjoni tal-ħtiġijiet finanzjarji tat-tranżizzjoni u l-iffissar tal-miri <sup>(40)</sup>;
  - jiżguraw li l-approċċ tal-finanzjament tat-tranżizzjoni jgħin it-tranżizzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija reali, iqis il-punti tat-tluq differenti tal-impriżi, japplika l-prinċipju tal-proporzjonalità (b'mod partikolari għall-SMEs), u jinkludi salvagwardji klimatiki u ambjentali rilevanti, f'konformità mad-definizzjoni ta' finanzjament tat-tranżizzjoni f'din ir-Rakkomandazzjoni;
  - jitraddu l-approċċ ta' finanzjament ta' tranżizzjoni f'miri speċifiċi relatati mal-oġettivi klimatiċi jew ambjentali, għall-klassijiet kollha ta' assi, u li jkopru t-tipi kollha ta' finanzjament u s-setturi ekonomiċi kollha li huma rilevanti għat-tranżizzjoni;
  - iqisu l-pariri u l-involvement bħala partijiet importanti tal-istrategġija ta' finanzjament tat-tranżizzjoni.
- 9.3. L-investituri u s-sidien tal-assi jistgħu jiżviluppaw approċċi simili għall-assi tagħhom stess.
- 9.4. Biex iħaddmu strategġiji ta' investment b'approċċi ta' finanzjament ta' tranżizzjoni u jidentifikaw impriżi u proġetti li jilhqqu l-miri ta' tranżizzjoni, l-intermedjarji finanzjarji u l-investituri jistgħu <sup>(41)</sup>:
- jużaw l-informazzjoni pprovduta mill-impriżi biex jiddeterminaw il-miri ta' tranżizzjoni u l-ħtiġijiet ta' finanzjament ta' tranżizzjoni, inklużi l-pjanijiet ta' tranżizzjoni u r-rapportar korporattiv;
  - jużaw il-metodoloġġiji ta' dekarbonizzazzjoni meħtieġa skont il-parametri referenzjarji klimatiki tal-UE bħal miri ċari ta' dekarbonizzazzjoni mill-impriżi u r-restrizzjoni ta' investimenti ġodda f'assi potenzjalment mhux rekuperabbli;
  - jużaw il-qafas u l-kriterji tat-Tassonomija biex jidentifikaw investimenti li huma eliġibbli u li jistgħu jsiru allinjati mat-Tassonomija, fejn meħtieġ permezz ta' passi interim skont skeda ta' żmien li tkun kompatibbli mat-tranżizzjoni. Pereżempju, fejn meħtieġ, jikkunsidraw bħala l-ewwel pass biex jiffinanzjaw passi ta' tranżizzjoni lil hinn mil-livelli ta' prestazzjoni definiti mill-kriterji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u t-tieni pass biex jiġu allinjati ma' kriterji ta' kontribuzzjoni sostanzjali, iċċarati fi pjan ta' tranżizzjoni bbażat fuq l-attività;
  - jużaw divulgazzjonijiet u prospetti li jakkumpanjaw il-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi, tranżitorji u marbuta mas-sostenibbiltà jew ekwità;

<sup>(40)</sup> Jikkunsidraw ukoll it-Taqsima 2. tal-Anness.

<sup>(41)</sup> It-Taqsima 7. tal-Anness tipprovdi aktar suġġerimenti dwar għodod bħal dawn.

## 10. INVOLVIMENT MA' IMPRIŻI LI JEĦTIEĠU FINANZJAMENT TA' TRANŻIZZJONI

- 10.1. L-intermedjarji finanzjarji huma mħeġġa jinvolvu ruħhom mal-klijenti u l-impriżi destinatariji ta' investiment fi tranżizzjoni, speċjalment fejn ikun hemm hteiga sinifikanti għal finanzjament ta' tranżizzjoni.
- 10.2. Il-politika ta' involviment tista' tinkludi deskrizzjoni tal-istrateġiji rilevanti ta' self jew ta' investiment li jistgħu jkunu adattati għall-ħtiġijiet ta' finanzjament ta' tranżizzjoni rilevanti, u l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-finanzjament skont dawn l-istrateġiji.
- 10.3. Meta jkun hemm involviment ma' klijenti u impriżi destinatariji ta' investiment, jistgħu jiġu diskussi l-aspetti li ġejjin:
- (a) l-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet fuq is-sostenibbiltà materjali, u kif jiġu indirizzati l-impatti u r-riskji klimatiċi u ambjentali;
  - (b) kif jiġi ddeterminat il-kontribut għal objettiv klimatiku jew ambjentali u x'inhuma l-iskedi ta' żmien għas-self jew l-investimenti;
  - (c) il-perkorsi ta' tranżizzjoni sottostanti, biex jiġi żgurat li l-istrateġija ta' self jew ta' investiment tkun kompatibbli mat-tranżizzjoni;
  - (d) jekk jiġix applikat jew kif jiġi applikat il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" kif definit fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 u kif jiġu indirizzati l-impatti negattivi;
  - (e) kif se jitqiesu l-prestazzjoni tas-sostenibbiltà u l-miri u l-pjanijiet ta' tranżizzjoni tal-impriżi, inkluż fil-valutazzjoni tar-riskju ta' assi mhux rekuperabbli, u r-riskji ta' tranżizzjoni u r-riskji fiżiċi b'mod aktar wiesa'.

## 11. SOLUZZJONIJET TA' FINANZJAMENT SPEĊIFIĊI GĦAT-TRANŻIZZJONI

- 11.1. Minbarra s-soluzzjonijiet ġenerali ta' self u finanzjament, l-intermedjarji finanzjarji jistgħu joffru soluzzjonijiet ta' finanzjament speċifiċi għat-tranżizzjoni lil impriżi jew proġetti bi ħtiġijiet finanzjarji ta' tranżizzjoni sinifikanti.
- 11.2. Dan jinkludi, pereżempju, l-offerta ta' self jew prodotti ta' finanzjament li jistgħu jgħinu fil-finanzjament ta' investimenti ta' tranżizzjoni fil-prattika, bħal dawk ibbażati fuq:
- (a) investimenti f'allinjament mar-Regolament (UE) 2020/852 li jgħinu biex jiżded is-sehem tal-attivajiet allinjati mat-Tassonomija mwettqa minn impriża b'mod sinifikanti;
  - (b) il-parametri referenzjarji klimatiċi tal-UE fejn jikkomplementaw xenarji jew mogħdijiet ibbażati fuq ix-xjenza;
  - (c) pjanijiet kredibbli ta' tranżizzjoni fil-livell ta' entità jew ta' attività li jimplimentaw miri bbażati fuq ix-xjenza;
  - (d) miri kredibbli bbażati fuq ix-xjenza, fejn proporzjonat, li huma appoġġati minn informazzjoni li tiżgura l-integrità, it-trasparenza u r-responsabbiltà;
  - (e) it-tnaqqis tal-impronti ambjentali bbażat fuq u allinjat mal-Pjanijiet ta' Azzjoni ambjentali strateġiċi tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari <sup>(42)</sup>, Bijodiversità <sup>(43)</sup> u Tniġġis Żero <sup>(44)</sup>.
  - (f) taħlita ta' dan ta' hawn fuq, eż. fejn il-pjanijiet ta' tranżizzjoni jintegraw il-ħtiġijiet ta' finanzjament għat-tranżizzjoni ddeterminati permezz tat-Tassonomija jew il-parametri referenzjarji klimatiċi tal-UE.
- 11.3. L-intermedjarji finanzjarji jistgħu jikkunsidraw li jstabilixxu inċentivi biex jinkoraġġixxu prestazzjoni b'saħħitha kontra l-miri ta' tranżizzjoni tal-impriża, pereżempju li jippremjaw il-progress lejn il-miri ta' tranżizzjoni jew il-kriterji tat-Tassonomija permezz ta' rati tal-imgħax attraenti, pereżempju abbażi ta' riskju ta' tranżizzjoni mnaqqas jew kostijiet ta' finanzjament imtejba.

<sup>(42)</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari: Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva. COM/2020/98 final.

<sup>(43)</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjtna. COM/2020/380 final.

<sup>(44)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija". COM/2021/400 final.



## 12. RISKJI TA' TRANŻIZZJONI U FIŻIĊI

- 12.1. L-intermedjarji finanzjarji u l-investituri huma mħeġġa jivvalutaw kif il-miri ta' tranżizzjoni u l-oġġetti ta' finanzjament ta' tranżizzjoni tagħhom jallinjaw mal-istrateġiji ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom u jikkontribwixxu għalihom, biex jindirizzaw ir-riskji finanzjarji li jirriżultaw minn allinjament ħażin mat-tranżizzjoni.
- 12.2. B'mod partikolari, l-intermedjarji finanzjarji u l-investituri huma mħeġġa:
- (a) iqisu fl-oqfsa tal-ġestjoni tar-riskju u tal-impenn informazzjoni li tħares 'il quddiem mill-kontropartijiet, bħal miri u pjanijiet ta' tranżizzjoni, inkluża informazzjoni dwar il-kredibbiltà tagħhom u r-rappurtar annwali dwar il-progress;
  - (b) jikkunsidraw il-finanzjament ta' proġetti ta' tranżizzjoni li għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-impatti negattivi fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà u r-riskji ta' tranżizzjoni futuri u r-riskji fiżiċi, eż. billi jsegwu l-gwida tat-Tassonomija tal-adattament għat-tibdil fil-klima.

## 13. RAKKOMANDEZZJONI RELATATA MA' INTRAPRIŻI ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU

Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li qed ifittxu finanzjament ta' tranżizzjoni

- 13.1. Jekk l-SMEs ikunu interessati li jiġbru finanzjament ta' tranżizzjoni, se jkollhom bżonn arranġamenti proporzjonati, minħabba d-daqs, il-kapaċità amministrattiva u r-riżorsi tagħhom, u għalhekk huma mħeġġa jinvolvu ruħhom ma' intermedjarji finanzjarji u investituri biex jespjoraw liema għażliet ta' finanzjament u servizzi ta' appoġġ huma disponibbli.
- 13.2. L-SMEs li huma interessati li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni jistgħu jikkunsidraw li jżidu l-finanzjament ta' tranżizzjoni għall-investimenti tagħhom relatati mat-tranżizzjoni, li jistgħu jkunu investimenti immedjati jew investimenti fil-futur, pereżempju għal dawn li ġejjin:
- (a) teknoloġiji ekoloġiċi ġodda;
  - (b) it-titjib ta' attivitajiet jew assi ekonomiċi eżistenti;
  - (c) l-investment f'teknoloġiji abilitanti;
  - (d) politiki ta' akkwist ekoloġiku (eż. enerġija rinnovabbli);
  - (e) attivitajiet ta' ekoloġizzazzjoni tal-funzjonijiet ta' appoġġ tagħhom, bħal dawk li jżidu l-effiċjenza enerġetika tal-bini tagħhom, jew il-kiri jew l-akkwist ta' vetturi elettriċi, id-dekarbonizzazzjoni tal-użu tat-trasport tagħhom, l-ekoloġizzazzjoni tal-provvista tal-ikel tagħhom, eċċ.
- 13.3. L-SMEs elenkati jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva (UE) 2022/2464 u se jiddivulgaw informazzjoni dwar is-sostenibbiltà skont standards tar-rappurtar simplifikati fil-futur. L-SMEs li ma jaqgħux fl-ambitu ta' dik id-Direttiva, iżda li huma interessati li jikkomunikaw l-informazzjoni ewlenija tagħhom dwar is-sostenibbiltà, jistgħu jikkunsidraw li jużaw dawn l-istandards ta' rappurtar simplifikati, jew standards oħra ta' rappurtar volontarju li huma mfassla għall-SMEs għal dan il-għan <sup>(45)</sup>.
- 13.4. L-impriżi l-kbar huma mħeġġa bil-qawwa jappoġġaw b'mod proporzjonat lill-SMEs fil-katina tal-valur tagħhom li huma interessati fil-finanzjament tat-tranżizzjoni, fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni u, fejn rilevanti, fil-kisba ta' informazzjoni ewlenija dwar is-sostenibbiltà, kemm jekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-rappurtar obbligatorju dwar is-sostenibbiltà kif ukoll jekk le.
- 13.5. Fejn rilevanti, impriżi akbar jistgħu jikkooperaw ukoll ma' istituzzjonijiet ta' finanzjament biex joffru kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli u/jew kundizzjonijiet ta' xiri lis-sħab fil-katina tal-valur tagħhom li jeħtieġu finanzjament ta' tranżizzjoni, b'mod partikolari SMEs f'setturi li huma rilevanti għat-tranżizzjoni <sup>(46)</sup>.

<sup>(45)</sup> Skont id-Direttiva (UE) 2022/2464, ir-rappurtar għall-SMEs elenkati (ħlief il-mikrointrapriżi) se jibda fl-2027, abbażi tas-sena finanzjarja 2026. L-SMEs elenkati se jkunu jistgħu jirrapportaw skont standards separati u proporzjonati żviluppatti mill-EFRAG.

<sup>(46)</sup> Pereżempju, il-kumpaniji jistgħu jappoġġaw lill-SMEs, kemm jekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-rappurtar obbligatorju dwar is-sostenibbiltà kif ukoll jekk le, biex jużaw volontarjament l-għodod ta' finanzjament sostenibbli tal-Unjoni jew għodod oħra bbażati fuq ix-xjenza biex jikkomunikaw il-proġetti ta' tranżizzjoni, il-miri ta' tranżizzjoni jew il-pjanijiet ta' tranżizzjoni tagħhom biex jindirizzaw ir-riskji ta' tranżizzjoni lill-banek b'mod trasparenti u sostantivi.

#### 14. SOLUZZJONIJIET TA' FINANZJAMENT GĦAL INTRAPRIŻI ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU

- 14.1. L-SMEs għandhom kapaċità limitata li jipprovdu informazzjoni dettaljata, għalhekk l-intermedjarji finanzjarji u l-investituri huma mħeġġa japplikaw il-prinċipju tal-proporzjonalità fin-negozjati mal-klijenti li huma SMEs. Jenħtieġ li ma jitolbux aktar informazzjoni milli meħtieġ u jeżerċitaw trażżin meta jitolbu informazzjoni mis-sħab fil-katina tal-valur tal-SMEs.
- 14.2. L-intermedjarji finanzjarji huma mħeġġa joffru programmi ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni, servizzi ta' konsulenza jew għodod ibbażati fuq l-Internet biex jgħinu lill-SMEs li huma interessati fil-finanzjament ta' tranżizzjoni biex iżidu l-għarfien tagħhom dwar ir-riskji u l-opportunitajiet ta' tranżizzjoni.
- 14.3. Bħala parti minn dan, jista' jingħata appoġġ lill-SMEs interessati biex jivvalutaw il-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni tagħhom b'mod sempliċi.
- 14.4. Soluzzjonijiet ta' finanzjament speċifiċi għall-ambjent u speċifiċi għat-tranżizzjoni li huma proporzjonati u adatti għall-użu mill-SMEs u li jincitivaw l-adozzjoni tagħhom, jistgħu jiġu offruti lill-SMEs, filwaqt li jitqies li l-SMEs mhux elenkati mhumix soġġetti għall-obbligi ta' rapportar skont id-Direttiva (UE) 2022/2464 u r-Regolament (UE) 2020/852.

#### 15. RAKKOMANDAZZJONI LILL-ISTATI MEMBRI

L-Istati Membri huma mistiedna jikkunsidraw ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin biex jinkoraġġixxu l-finanzjament ta' tranżizzjoni:

- 15.1. L-Istati Membri huma mħeġġa jqajmu kuxjenza fost il-parteċipanti fis-suq dwar il-ħtieġa li jiġu ffinanzjati investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika u tal-istandards, prinċipji u salvagwardji eżistenti li jistgħu jiżguraw il-kredibbiltà u l-integrità ambjentali ta' tali investimenti. Dawn jistgħu jispjegaw il-benefiċċji tal-użu tal-għodod ta' finanzjament sostenibbli tal-UE għal dan il-għan.
- 15.2. L-Istati Membri jistgħu jħeġġu lill-parteċipanti fis-suq biex jużaw xenarji ta' referenza li huma bbażati fuq ix-xjenza, jirriflettu l-perkorsi ta' dekarbonizzazzjoni f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, bħax-xenarji ta' 1,5 °C tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE) jew tal-Grupp Internazzjonali dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) mingħajr ebda eċċess jew b'eċċess limitat, jew perkorsi tal-UE, nazzjonali jew settorjali li jirreferenzjaw dawn ix-xenarji tal-AIE jew tal-IPCC.
- 15.3. L-Istati Membri jistgħu jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni, fil-qafas tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE u dawk nazzjonali, bejn il-parteċipanti fis-suq biex jaqsmu t-tagħlimiet meħuda u l-aħjar Prattiki fl-għoti jew fit-ftitxija ta' finanzjament ta' tranżizzjoni u fl-indirizzar ta' sfidi komuni. L-Istati Membri jistgħu jikkapitalizzaw fuq ir-rwol li l-assoċjazzjonijiet tal-industrija u korpi oħra ta' reputazzjoni jista' jkollhom f'dan ir-rigward.
- 15.4. L-Istati Membri jistgħu jinkoraġġixxu l-bini tal-kapaċità fl-għodod u l-politiki finanzjarji fi tranżizzjoni, inkluż it-taħriġ tal-impjegati taċ-civil, ir-regolaturi u l-professjonisti tas-settur finanzjarju biex jappoġġaw it-tfassil ta' soluzzjonijiet u politiki ta' finanzjament relatati mat-tranżizzjoni li jirriflettu d-dipendenzi ġeografiċi.
- 15.5. L-Istati Membri jistgħu jinkoraġġixxu u jipromwovu prodotti u servizzi finanzjarji sostenibbli innovattivi mfassla għall-SMEs, filwaqt li jqisu l-prinċipju tal-proporzjonalità.
- 15.6. L-Istati Membri jistgħu jappoġġaw lill-SMEs fir-rapportar volontarju ta' informazzjoni ewlenija dwar is-sostenibbiltà u l-finanzjament tat-tranżizzjoni lill-partijiet ikkonċernati u lill-intermedjarji finanzjarji u lill-investituri, li jista' jżid il-varjetà ta' għażliet ta' finanzjament offruti lill-SMEs.
- 15.7. L-Istati Membri jistgħu jinkoraġġixxu lill-banek multilaterali tal-iżvilupp u lill-banek promozzjonali nazzjonali biex jappoġġaw dawn l-isforzi billi joffru assistenza teknika.
- 15.8. L-Istati Membri jistgħu jinkoraġġixxu inizjattivi bejn il-banek lokali u l-SMEs biex jiżviluppaw u jimplementaw strateġiji ta' finanzjament sostenibbli u miri kredibbli ta' tranżizzjoni jew, fejn rilevanti, pjanijiet ta' tranżizzjoni għall-SMEs.

**16. RAKKOMANDAZZJONI LILL-AWTORITAJIET SUPERVIŻORJI EWROPEJ U LILL-AWTORITAJIET NAZZJONALI KOMPETENTI**

L-awtoritajiet superviżorji Ewropej u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma mħeġġa:

- 16.1. Jikkonsidraw din ir-Rakkomandazzjoni meta jimmonitorjaw u jissorveljaw ir-riskji ta' greenwashing relatati mat-tranżizzjoni.
- 16.2. Iqisu l-informazzjoni rilevanti li tħares 'il quddiem inkluża fil-miri ta' tranżizzjoni, fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni kredibbli jew fid-divulgazzjonijiet tat-Tassonomija meta jivvalutaw ir-riskji finanzjarji tal-entitajiet taħt superviżjoni assoċjati mat-tranżizzjoni.
- 16.3. Iqajmu kuxjenza fost l-entitajiet taħt superviżjoni dwar kif il-qafas regolatorju jippermetti li tintuża informazzjoni li tħares 'il quddiem minn kontropartijiet jew impriżi destinatari ta' investiment biex jiġu vvalutati, ġestiti u mmonitorjati r-riskji ta' tranżizzjoni u r-riskji fiżiċi.
- 16.4. Jibnu l-kapaċità mal-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali dwar il-finanzjament tat-tranżizzjoni u jħeġġu ambjent ta' fiduċja għall-finanzjament tat-tranżizzjoni madwar l-UE.  
Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ġunju 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
Mairead MCGUINNESS  
*Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX

Dan l-Anness jakkompanja r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iffaċilitar tal-finanzi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli <sup>(1)</sup>. Jikkomplementa r-rakkomandazzjonijiet b'kunsiderazzjonijiet u illustrazzjonijiet aktar dettaljati biex jiġi appoġġat l-użu volontarju ta' għodod mill-qafas ta' finanzjament sostenibbli tal-UE għall-finanzjament tat-tranżizzjoni. Jagħti diversi għażliet u suġġerimenti lill-impriżi u lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jistabbilixxu miri ta' tranżizzjoni, jartikolaw u jidentifikaw il-ħtiġijiet u l-proġetti ta' finanzjament tat-tranżizzjoni kif ukoll biex jiġbru jew jipprovdu finanzjament tat-tranżizzjoni.

**Werrej**

1. Relazzjoni bejn il-finanzjament ekoloġiku u l-finanzjament tat-tranżizzjoni .....	35
2. Kunsiderazzjonijiet dwar kif tipi differenti ta' impatti, riskji u opportunitajiet ta' impriża jistgħu jiġu riflessi fil-miri ta' tranżizzjoni individwali .....	35
3. Ħarsa ġenerali lejn l-għodod ta' finanzjament sostenibbli biex jiġu artikolati u ddeterminati l-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni .....	38
4. Metodoloġiji tal-parametri referenzjarji tal-klimata l-UE .....	38
5. Tassonomija tal-UE .....	39
5.1. Għal xiex tista' tintuża t-Tassonomija tal-UE .....	39
5.2. It-Tassonomija bħala għodda ta' tranżizzjoni .....	40
5.3. Għażliet għall-użu tat-Tassonomija biex jiġu speċifikati l-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni .....	40
6. Strumenti ta' finanzjament biex jiżdied il-finanzjament tat-tranżizzjoni .....	42
7. Użu tal-għodod ta' finanzjament sostenibbli tal-Unjoni Ewropea minn intermedjarji finanzjarji u investituri .....	43

<sup>(1)</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iffaċilitar tal-finanzi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli (C(2023) 3844).

**1. Relazzjoni bejn il-finanzjament ekoloġiku u l-finanzjament tat-tranżizzjoni**


Il-finanzjament sostenibbli huwa dwar il-finanzjament, kemm ta' dak li diġà huwa ekoloġiku kif ukoll ta' dak li qiegħed fi tranżizzjoni lejn dawn il-livelli ta' prestazzjoni maż-żmien.

L-Illustrazzjoni 1 hawn taħt turi kif il-finanzjament tat-tranżizzjoni huwa relatat mal-finanzjament ġenerali u mal-finanzjament ekoloġiku, u kif dawn il-forom differenti ta' finanzjament jistgħu jevolvu fuq terminu qasir, medju u twil.

Il-finanzjament ġenerali, li ma għandux objettivi ta' sostenibbiltà, jista' jiġi distint mill-finanzjament ekoloġiku u mill-finanzjament għat-tranżizzjoni. Il-finanzjament ġenerali bħalissa jista' jinkludi kemm attivitajiet b'impatt kbir kif ukoll attivitajiet b'impatt baxx. Maż-żmien, hekk kif titlesta t-tranżizzjoni tal-ekonomija, l-attivitajiet b'impatt kbir se jkollhom jgħaddu minn tranżizzjoni biex isiru attivitajiet b'impatt baxx.

Il-finanzjament tat-tranżizzjoni għandu l-għan li jiffinanzja dik it-tranżizzjoni. Jista' jinkludi kemm il-finanzjament bl-użu tar-rikavati kif ukoll il-finanzjament bi skop ġenerali (korporattiv). Fuq terminu qasir, il-finanzjament tat-tranżizzjoni spiss mhux se jirriżulta f'titjib li jilħaq il-miri tal-prestazzjoni ekoloġika. Madankollu, fuq terminu twil, il-finanzjament tat-tranżizzjoni jeħtieġ li jiġi allinjat mal-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-UE u għalhekk se jitqies bħala finanzjament ekoloġiku jew b'impatt baxx.

**Illustrazzjoni 1: Ir-relazzjoni bejn il-finanzjament ekoloġiku u dak ta' tranżizzjoni illum u matul iż-żmien**



**2. Kunsiderazzjonijiet dwar kif tipi differenti ta' impatti, riskji u opportunitajiet ta' impriża jistgħu jiġu riflessi fil-miri ta' tranżizzjoni individwali**

Din it-taqsimha hija relatata mal-punti 3 u 4 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.


L-impriża jistgħu jikkunsidraw il-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni tagħhom fuq il-bażi tal-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet tagħhom għas-sostenibbiltà. Dawn jistgħu jiġu identifikati permezz ta' valutazzjoni tal-materjalità li ssewgi l-approċċ ta' materjalità doppja.

Bħala parti minn din il-valutazzjoni, l-impriża jistgħu jużaw analiżi tax-xenarji relatata mal-klima u mal-ambjent biex jintużaw fl-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji fiżiċi u tat-tranżizzjoni u l-opportunitajiet fuq perjodu ta' żmien qasir, medju u twil. Fuq il-bażi tal-eżitu ta' tali valutazzjoni tal-materjalità<sup>(?)</sup>, l-impriża jistgħu jstabbilixxu miri ta' tranżizzjoni u jiddeterminaw il-ħtiġijiet u l-impjenji ta' finanzjament tat-tranżizzjoni, meta rilevanti.

(?) Kwistjoni ta' sostenibbiltà hija materjali minn perspettiva tal-impatt meta tappartjeni għall-impatti materjali reali jew potenzjali, pożittivi jew negattivi tal-impriża fuq in-nies jew fuq l-ambjent fuq l-orizzonti ta' żmien qosra, medji u twal. Kwistjoni ta' sostenibbiltà materjali minn perspettiva tal-impatt tinkludi l-impatti kkawżati mill-impriża, jew li l-impriża kkontribwiet għalihom u l-impatti li huma direttament marbuta mal-operazzjonijiet, il-prodotti u s-servizzi tal-impriża permezz tar-relazzjonijiet kummerċjali tagħha. Sostenibbiltà materjali tista' tkun importanti wkoll minn perspettiva finanzjarja, pereżempju jekk ir-riskju għas-sostenibbiltà jimmaterializza permezz ta' assi mhux rekuperabbli.

L-Illustrazzjoni 2 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-għodod li jistgħu jintużaw biex jiġi kkunsidrat kif għandhom jiġu definiti l-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni f'każ ta' impatti materjali, u kif għandhom jiġu definiti l-ħtiġijiet finanzjarji biex jiġu indirizzati l-impatti baxxi jew residwi.

**Illustrazzjoni 2: Kif tipi differenti ta' impatti, riskji u opportunitajiet ta' impriża jistgħu jiġu riflessi fil-miri ta' tranżizzjoni individwali u sussegwentement fil-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni**



Meta jipplanaw it-tranżizzjoni tagħhom u jiddefinixxu l-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni, l-impriża huma mħeġġa jikkunsidraw ipoġġu **miri ta' tranżizzjoni** bbażati fuq **perkorsi ta' tranżizzjoni** rilevanti li huma kompatibbli mat-tranżizzjoni, filwaqt li jqisu t-tip ta' impatti u fatturi oħra bħas-severità, l-iskala, l-ambitu u l-irrimedjabbiltà ta' dawk l-impatti. L-impriża jistgħu jużaw l-istandards u l-gwida disponibbli skont id-Direttiva (UE) 2022/2464 u l-implimentazzjoni tagħha għal dan l-għan (id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà).

L-impriża huma mħeġġa jagħmlu l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin dwar kif l-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet differenti jistgħu jiġu riflessi fil-miri ta' tranżizzjoni u l-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni relatati.

Tabella 1.

**Kunsiderazzjonijiet ġenerali għall-iffissar tal-miri klimatiċi u ambjentali f'każ ta' impatti materjali**

- Jiġu kkunsidrati oqfsa ta' referenza kredibbli biex tintgħażel il-metodoloġija użata għal dan il-proċess, inkluż:
  - Analiżi tax-xenarji bbażata fuq ix-xjenza u perkorsi settorjali globali, tal-UE jew nazzjonali ta' 1,5 °C mingħajr qbiż fil-valur jew bi qbiż limitat b'referenza għall-IPCC, l-AIE jew inizjattivi privati, kredibbli u bbażati fuq ix-xjenza oħrajn. Jiġu kkunsidrati xenarji li jirriflettu l-kuntest speċifiku tal-impriża f'termini ta' lokazzjoni ġeografika u attivitajiet ekonomiċi.
  - Il-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-finanzi sostenibbli, inkluż ir-Regolament dwar it-Tassonomija u l-metodoloġija għall-parametri referenzjarji tal-klima tal-UE (ara t-taqsimiet 3 sa 5 ta' dan l-Anness).
  - Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Strateġiċi dwar l-Ekonomija Ċirkolari tal-Unjoni <sup>(3)</sup>, il-Bijodiversità <sup>(4)</sup> u t-Tniġġis Żero <sup>(5)</sup>.

<sup>(3)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari: Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva. COM/2020/98 final.

<sup>(4)</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Strateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030 li ġġib in-natura lura f'ħajjtna. COM/2020/380 final.

<sup>(5)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija": COM/2021/400 final.

- 
- Ikkonsulta l-Perkorsi ta' Tranżizzjoni tal-UE kwalitattivi tal-Kummissjoni <sup>(6)</sup> għal aspetti relatati mal-klima meta tevalwa l-isfidi tat-tranżizzjoni u l-aqwa t-teknoloġiji disponibbli f'settur rilevanti.
- 2) Ikkunsidra l-istabbiliment ta' miri ta' tranżizzjoni li huma marbuta biż-żmien, ibbażati fuq ix-xjenza u azzjonabbli biex tiżgura l-kredibbiltà tagħhom.
  - 3) Ikkunsidra li tqasam dawn il-miri fil-livell tal-attività u tal-prodott u identifika lievi ewlenin fil-livell tal-attività, inklużi r-riżorsi finanzjarji, biex jiżguraw l-operazzjonalizzazzjoni ta' dawn il-miri.
  - 4) Meta rilevanti, b'referenza għall-punt 3), ikkunsidra li tispeċifika l-lievi tad-dekarbonizzazzjoni mistennija u l-kontributi kwantitattivi kumplessivi tagħhom biex jintlaħqu l-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra kif ukoll l-azzjonijiet ewlenin ippjanati, inklużi l-bidliet fil-portafoll tal-prodotti u tas-servizzi tal-impriża u l-adozzjoni tagħha ta' teknoloġiji ġodda
  - 5) Ikkunsidra l-metriċi li magħhom se tkejjel u timmonitorja l-implimentazzjoni tal-miri ta' tranżizzjoni, bħall-effettività tal-azzjonijiet, il-progress li jkun sar maż-żmien u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati.
  - 6) Ikkunsidra li tispeċifika kif l-ippjanar tan-negozju u l-proċessi tal-ippjanar finanzjarju u l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju jqisu l-miri ta' tranżizzjoni.
  - 7) Ikkunsidra l-integrità ambjentali kumplessiva tal-miri ta' tranżizzjoni, tibdilx mira ma' oħra u ikkunsidra l-użu tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", f'konformità mar-Regolament dwar it-Tassonomija għal dan il-għan. Ikkunsidra wkoll li tirrispetta s-salvagwardji minimi dwar id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol.
  - 8) Ikkunsidra li tiegħu miżuri biex tiżgura t-trasparenza tal-miri u l-bażi li fuqha ġew stabbiliti biex tinkoraġġixxi lill-investituri u lill-intermedjarji finanzjarji jikkunsidrawhom meta jipprovdu finanzjament tat-tranżizzjoni. Pereżempju, ikkunsidra li tartikola l-miri bħala parti minn pjan ta' tranżizzjoni kredibbli biex iżżid il-kredibbiltà dwar il-kisba tagħhom liema pjan jirrifletti d-dipendenzi esterni <sup>(7)</sup> fis-siti kollha minn fejn topera l-impriża.
  - 9) Ikkunsidra li tiżgura li jkun hemm fis-seħħ proċess ta' governanza robust biex jappoġġa l-implimentazzjoni u s-sorveljanza tal-miri ta' tranżizzjoni, inklużi:
    - (a) Approvazzjoni tal-miri ta' tranżizzjoni mill-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tal-impriża.
    - (b) L-istabbiliment ta' kontrolli interni tajbin inkluża allokkazzjoni ċara tar-rwolli u tar-responsabbiltajiet tas-sorveljanza u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet relatati li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' dawn il-miri ta' tranżizzjoni.
    - (c) Rappurtar regolari lill-korpi maniġerjali dwar l-implimentazzjoni tal-miri ta' tranżizzjoni.
  - 10) Ikkunsidra meta rilevanti l-użu ta' verifika u assigurazzjoni minn terza persuna biex tipprovdi kredibbiltà addizzjonali tal-miri ta' tranżizzjoni u tal-proċess relatat mal-iffissar tal-miri u tas-segwitu tagħhom.
- 

Tabella 2.

### Kunsiderazzjonijiet għal miri sempliċi ta' titjib f'każ ta' impatti mhux materjali

- 
- 1) Fil-każ ta' impriżi fejn l-attività ekonomika ewlenija jkollha impatti baxxi, jista' jkun possibbli li jitnaqqsu l-impatti residwi li jista' jkun hemm, pereżempju fil-funzjonijiet ta' appoġġ ta' dik l-impriża (pereż. l-effiċjenza enerġetika tal-bini tal-uffiċċji, l-emissjonijiet tat-trasport jew tal-mobilità, ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli, l-ekoloġizzazzjoni tal-provvista tal-ikel, eċċ.).
  - 2) Meta rilevanti, ikkunsidra:
    - (a) miri sempliċi ta' titjib biex tinvesti fl-effiċjenza enerġetika tal-bini u b'hekk jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet mill-użu tal-elettriku jew tat-tisħin, u investimenti simili, speċjalment permezz ta' attivitajiet ta' abilitazzjoni koperti mill-Atti Delegati adottati skont ir-Regolament (UE) 2020/852 (ir-Regolament dwar it-Tassonomija);
    - (b) politika ta' akkwist b'enfasi fuq kunsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà.
- 

<sup>(6)</sup> Il-Perkorsi ta' Tranżizzjoni tal-UE tal-Kummissjoni jinsabu fuq: [https://single-market-economy.ec.europa.eu/industry/transition-pathways\\_mt](https://single-market-economy.ec.europa.eu/industry/transition-pathways_mt)


<sup>(7)</sup> Id-dipendenza tal-impriża fuq fatturi esterni f'postijiet differenti biex timplimenta l-pjan ta' tranżizzjoni fil-livell tal-entità, pereż. politika futura possibbli, tħejija teknoloġika, aċċettabbiltà soċjali, disponibbiltà tar-riżorsi u impatti klimatiċi fiżiċi fis-siti fejn topera

### 3. Ħarsa ġenerali lejn l-għodod ta' finanzjament sostenibbli biex jiġu artikolati u ddeterminati l-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni

L-għodod ta' finanzjament sostenibbli, b'mod partikolari t-Tassonomija, jew il-parametri referenzjarji tal-klima tal-UE kif ukoll pjanijiet ta' tranżizzjoni kredibbli jistgħu jintużaw biex jgħinu fl-għażla tal-miri ta' tranżizzjoni u fl-artikolazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' finanzjament tat-tranżizzjoni fil-livell tal-impriża u fil-livell tal-attivitajiet ekonomiċi. Il-finanzjament tat-tranżizzjoni mbagħad jista' jinġabar permezz ta' bonds ekoloġiċi jew marbuta mas-sostenibbiltà, self, finanzjament ta' ekwità jew self speċjalizzat.

L-Illustrazzjoni 3 hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali lejn l-għodod li jistgħu jintużaw biex jiġi artikolat u jinġabar il-finanzjament tat-tranżizzjoni.

**Illustrazzjoni 3: Għażliet għall-artikolazzjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni u l-ġbir ta' finanzjament tat-tranżizzjoni**



### 4. Metodoloġiji tal-parametri referenzjarji tal-klimata l-UE

*Din it-taqsimha hija relatata mal-punt 5 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.*

Meta ma jeżistux perkorsi jew pjanijiet direzzjonali bbażati fuq ix-xjenza speċifiċi għas-settur, l-impriżi jistgħu jikkunsidraw il-metodoloġiji tal-parametri referenzjarji tal-klima tal-UE u jużawhom b'mod li jiżgura allinjament max-xenarju ta' 1,5 C tal-AIE jew tal-IPCC.

Meta jeżistu xenarji u perkorsi bbażati fuq ix-xjenza speċifiċi għas-settur, l-impriżi jistgħu jikkunsidraw jekk l-użu tagħhom jippermettilhomx jissodisfaw ukoll l-istandards minimi tal-parametri referenzjarji tal-klima tal-UE.

Il-ħruġ fis-suq kapitali ta' impriżi li jissodisfaw l-istandards minimi tal-metodoloġiji tal-parametri referenzjarji tal-klima u li juru dan (pereżempju permezz ta' pjan ta' tranżizzjoni kredibbli li jqis l-istandards u l-gwida disponibbli fid-Direttiva (UE) 2022/2464 u l-implimentazzjoni tiegħu), huwa aktar probabbli li jiġi inkluż f'portafolli li jsewgu l-parametri referenzjarji tal-klima tal-UE.

#### Standards minimi tal-parametri referenzjarji tal-klima

Il-parametri referenzjarji tal-klima tal-UE huma bbażati fuq sett ta' kriterji li għandhom l-għan li jiżguraw perkors ta' tranżizzjoni għal portafolli li jkun kompatibbli mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli<sup>(8)</sup>. L-istandards minimi tal-mira u t-trajettorja tad-dekarbonizzazzjoni tal-parametri referenzjarji tal-klima jirrikjedu minimu annwali ta' tnaqqis ta' 7 % fl-intensità tal-gassijiet serra mira assoluta tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra<sup>(9)</sup>.

<sup>(8)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1818 tas-17 ta' Lulju 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards minimi għall-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi, l-Artikoli 6-12.

<sup>(9)</sup> Ir-rekwiżiti minimi huma stabbiliti fl-Artikoli 7 sa 9 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1818 tas-17 ta' Lulju 2020.



Għal kull sena li fiha l-miri ma jintlaħqux, il-miri li ma jintlaħqux jenħtieġ li jiġu kkompensati, billi jiġu aġġustati l-fuqil-miri fit-trajettorja tad-dekarbonizzazzjoni għas-sena ta' wara.

Fejn possibbli, ikkunsidra li turi emissjonijiet medji aktar baxxi meta mqabbla mal-pari u li tevita fatturi speċifiċi ta' esklużjoni elenkati fl-Artikoli 9 sa 12 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1818 tas-17 ta' Lulju 2020.

Ponderazzjoni żejda tal-impriżi li jstabbilixxu u jipubblikaw miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra

Il-ħruġ fis-suq kapitali tal-impriżi jista' jingħata piż akbar f'parametru referenzjarju li jsegwi l-parametri referenzjarji tal-klima tal-UE, jekk l-impriża emittenti tkun tista' turi li stabbiliet u ppubblikat miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- l-emittent tat-titoli kostitwenti jipubblika b'mod konsistenti u preċiż l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Ambitu 1, 2 u 3 tagħhom;
- l-emittent tat-titoli kostitwenti jkun naqqas l-intensità tal-gassijiet serra tagħhom jew, fejn applikabbli, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoluti tagħhom, inklużi l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Ambiti 1, 2 u 3, b'medja ta' mill-inqas 7 % fis-sena għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi.


## 5. Tassonomija tal-UE

*Din it-taqsimha hija relatata mal-punt 6 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.*

### 5.1. Għal xiex tista' tintuża t-Tassonomija tal-UE

L-impriżi jistgħu jużaw it-Tassonomija bħala għodda ta' finanzjament tat-tranżizzjoni, għall-ippjanar tat-tranżizzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi tagħhom u għall-allokazzjoni tal-investimenti meħtieġa għat-tranżizzjoni. Bħala tali, tista' tintuża għall-klassefikazzjoni ta' investimenti sostenibbli, għall-kejl tal-prestazzjoni klimatika jew ambjentali attwali u pplanata, għall-istabbiliment tal-miri u għall-komunikazzjoni, inkluża l-artikolazzjoni ta' miri marbuta mat-Tassonomija fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni.

## Illustrazzjoni 4: Għal xiex tista' tintuża t-Tassonomija




## 5.2. It-Tassonomija bħala għodda ta' tranżizzjoni

It-Tassonomija tippermetti lill-impriżi jagħmlu tranżizzjoni billi gradwalment iżidu s-sehem tagħhom ta' attivitajiet ambjentalment sostenibbli minħabba li tiddefinixxi l-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, u mhux l-impriżi.

L-Illustrazzjoni 5 turi kif impriża tista' gradwalment tagħmel it-tranżizzjoni tal-attivitajiet tagħha, hawnhekk l-attivitajiet imwettqa fil-fabbriki, u tinvesti fit-tiġib tagħhom biex iżżid is-sehem ta' attivitajiet ekoloġiċi fil-futur. Pjanijiet ta' tranżizzjoni bbażati fuq l-attività jstgħu jkunu l-parti ewlenija ta' strateġija ta' tranżizzjoni fil-livell tal-entità.

**Illustrazzjoni 5: It-Tassonomija bħala għodda ta' tranżizzjoni**




## 5.3. Għażliet għall-użu tat-Tassonomija biex jiġu speċifikati l-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni

L-impriżi jstgħu jużaw it-Tassonomija biex jiddefinixxu l-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni tagħhom fil-livell tal-attività.

It-Tassonomija ma tippreskrivi l-iskeda ta' żmien sa meta impriża jenħtieġ li tallinja l-attivitajiet tagħha mal-ebda wieħed mill-kriterji tagħha. Minflok, tħalli flessibbiltà lill-atturi tas-suq biex jużaw l-iskedi ta' żmien tal-percorsi ta' tranżizzjoni bbażati fuq ix-xjenza tagħhom stess. L-impriżi jstgħu jagħmlu referenza għall-kriterji tat-tassonomija fl-istabbiliment tal-miri klimatiċi u ambjentali tagħhom u meta daww il-miri jkunu allinjati mat-tranżizzjoni, u l-kisba tagħhom tkun kredibbli, ikunu jstgħu jiġbru finanzjament ta' tranżizzjoni għall-implimentazzjoni tagħhom.

L-Illustrazzjoni 6 turi kif it-Tassonomija tista' tintuża għal dan l-għan, billi tipprova għażliet li jstgħu jiġu kkunsidrati f-sekwenza partikolari, meta titqies l-ewwel il-fattibbiltà tal-għażliet l-aktar ambizzjużi.

### Illustrazzjoni 6: L-użu tat-Tassonomija tal-UE biex jiġu speċifikati l-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni



1) Il-finanzjament ta' attivitajiet ekonomiċi diġà allinjati mat-Tassonomija

Meta attività ekonomika tkun diġà allinjata mat-Tassonomija, l-impriżi jistgħu jikkunsidraw kull ħtieġa ta' finanzjament attwali u futura għaż-żamma tal-allinjament mat-Tassonomija anke fil-futur.

2) Investimenti allinjati mat-Tassonomija

Meta attività ekonomika tkun eliġibbli iżda tkun għadha mhijiex allinjata mat-Tassonomija, l-impriżi jistgħu jikkunsidraw li jallinjawha mal-kriterji tekniċi ta' skrinjar tat-Tassonomija fi żmien ħames (eċċezzjonalment 10) snin<sup>(10)</sup>. Speċifikazzjoni tal-investment għal tranżizzjoni meħtieġ biex jintlaħqu dawn il-miri fi pjan tan-nefqa kapitali. Tali nefqa kapitali titqies bħala investment allinjat mat-Tassonomija.

3) Investiment li jallinja ruħu mat-Tassonomija fuq perjodu ta' żmien itwal

Meta ma jkunx fattibbli l-allinjament mat-Tassonomija f'ħames (eċċezzjonalment 10) snin, ikun possibbli li jiġi kkunsidrat l-allinjament ta' assi jew ta' attività ekonomika mal-kriterji assoċjati ta' prestazzjoni tat-Tassonomija fuq perjodu ta' żmien itwal li jkun għadu kompatibbli mat-tranżizzjoni. Investimenti għal tranżizzjoni li se jilhqqu biss l-allinjament mat-Tassonomija fuq perjodu ta' żmien itwal mill-ħames (eċċezzjonalment 10) snin rikonnoxxuti skont ir-Regolament Delegat (UE) 2021/2178, jistgħu jkunu akkumpanjati minn pjan ta' tranżizzjoni speċifiku għal attività li jkun kompatibbli mat-tranżizzjoni, li jiġġustifika l-perjodu ta' żmien itwal biex jintlaħqu l-miri<sup>(11)</sup> u li juri kif l-allinjament mat-Tassonomija se jintlaħaq fi stadju sussegwenti.

Għall-aspetti ambjentali, il-miri jistgħu jiġu allinjati mal-oġettivi u l-miri tal-politika ambjentali internazzjonali u tal-Unjoni, inklużi dawk relatati mal-protezzjoni u r-restawr sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, l-ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, u l-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi.

<sup>(10)</sup> Skont l-Att Delegat dwar id-Divulgazzjonijiet Tassonomiċi, il-perjodu biex jintlaħaq l-allinjament mat-Tassonomija jista' jaqbeż il-ħames snin biss meta perjodu itwal ikun oġġettivament iġġustifikat minn karatteristiċi speċifiċi tal-attività ekonomika u l-aġġornament ikkonċernat, b'massimu ta' 10 snin.

<sup>(11)</sup> In-nefqa kapitali relatata ma titqiesx bħala allinjata mat-Tassonomija, iżda tista' tkun pass sinifikanti fit-triq ta' tranżizzjoni lejn livelli ogħla ta' prestazzjoni mil-lat ta' sostenibbiltà.

4) Investimenti għal tranżizzjoni lil hinn mil-livelli tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima la tagħmilx ħsara sinifikanti fl-ewwel pass

L-impriżi b'attivitajiet li bħalissa ma jissodisfawx il-kriterji DNSH (do no significant harm, la tagħmilx ħsara sinifikanti) tat-Tassonomija, li fihom l-investimenti biex jintlaħqu l-kriterji ta' kontribuzzjoni sostanzjali f'ħames (eċċezzjonalment 10) snin bħalissa mhumiex fattibbli, jistgħu jikkunsidraw li jtejbju l-prestazzjoni ambjentali ta' daw k l-attivitajiet lil hinn mil-livelli ta' prestazzjoni definiti mill-kriterji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" f'perjodu ta' żmien li jkun qasir biżżejjed biex ikun kompatibbli mat-tranżizzjoni <sup>(12)</sup>. Għal tali investimenti għal tranżizzjoni li jtejbju l-prestazzjoni lil hinn mill-kriterji ta' la tagħmilx ħsara sinifikanti tat-Tassonomija bħala l-ewwel pass fit-tranżizzjoni, l-impriżi jistgħu jikkunsidraw li jakkumpanjawhom bi pjan ta' tranżizzjoni speċifiku għal attività li jkun kompatibbli mat-tranżizzjoni, li jiġġustifika għaliex dan il-pass *interim* huwa meħtieġ u kif l-allinjament mat-Tassonomija se jintlaħaq fi stadju sussegwenti.

Il-pjan jista' juri (i) kif l-attività se tagħmel it-tranżizzjoni b'titjib sinifikanti fil-prestazzjoni lil hinn mil-livell tal-kriterji DNSH u lejn il-livell tal-kriterji ta' kontribuzzjoni sostanzjali, u (ii) kif it-titjib kontinwu fil-prestazzjoni klimatika jew ambjentali se jiżgura li jiġi evitat li tiġi kkawżata ħsara sinifikanti fil-futur, hekk kif l-ekonomija tqarreb in-newtralità klimatika, u l-livelli ta' tolleranza għall-ħsara li jitqiesu sinifikanti se jinbidlu wkoll maż-żmien.

5) Investimenti speċifikati permezz ta' mezzi oħra fi pjan ta' tranżizzjoni bbażat fuq l-attività

Għal attivitajiet ekonomiċi b'impatt kbir li għadhom mhumiex koperti mill-Atti Delegati dwar it-Tassonomija u meta ma hemm l-ebda alternattiva b'impatt baxx koperta mir-Regolament dwar it-Tassonomija, l-impriżi jistgħu jikkunsidraw li jużaw mezzi oħra bħal perkorsi bbażati fuq ix-xjenza biex jispeċifikaw il-miri u l-ħtiġijiet ta' finanzjament.

6) Investimenti għal attivitajiet ta' tranżizzjoni b'impatti ambjentali baxxi

Għal attivitajiet ekonomiċi b'impatt baxx, li għalhekk mhumiex koperti mit-Tassonomija, l-impriżi jistgħu jikkunsidraw li jużaw il-kriterji rilevanti tat-Tassonomija biex jindirizzaw l-impatti residwi pereż. permezz ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika tal-bini, mobilità b'emissjonijiet baxxi, teknoloġiji abilitanti, eċċ.

6. **Strumenti ta' finanzjament biex jiżded il-finanzjament tat-tranżizzjoni**

*Din it-taqsimha hija relatata mal-punt 8 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.*

L-impriżi jistgħu jikkunsidraw li jużaw wieħed, jew taħlita ta' diversi, strumenti ta' finanzjament relatati mat-tranżizzjoni biex jiġbru l-finanzjament tat-tranżizzjoni, bħal tipi speċifiċi ta' self jew ħruġ ta' swieq kapitali b'karatteristiċi speċifiċi. It-Tabella 3 hawn taħt tipprovdi illustrazzjonijiet għal dan il-għan.

Tabella 3

**Eżempji ta' self jew strumenti ta' finanzjament tas-suq kapitali għall-ġbir ta' finanzjament tat-tranżizzjoni**

Self ekoloġiku u self ieħor tas-sostenibbiltà	<p>1) Iffinanzja proġetti jew investimenti permezz ta' self bi skop ta' tranżizzjoni dedikata (użu tar-rikavati) bħal self biex jittejbju l-assi jew biex isiru investimenti ġodda li jippermettu produzzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jew prestazzjoni ambjentali mtejbja b'mod sinifikanti. Pereżempju:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— self għall-finanzjament ta' proġetti ta' tranżizzjoni li għandhom pjan kredibbli ta' tranżizzjoni bbażat fuq l-attività jew li huma parti minn pjan ta' tranżizzjoni kredibbli fil-livell ta' entità <sup>(13)</sup>;</li> <li>— self għall-finanzjament ta' attivitajiet ekonomiċi eliġibbli skont it-Tassonomija u l-ilhug tal-allinjament mat-Tassonomija fuq perjodu ta' żmien ta' ħames (eċċezzjonalment 10) snin;</li> </ul>
---	---

<sup>(12)</sup> In-nefqa kapitali relatata ma titqiesx bħala allinjata mat-tassonomija, iżda tista' tkun pass sinifikanti fit-triq ta' tranżizzjoni lejn livelli ogħla ta' prestazzjoni mil-lat ta' sostenibbiltà.

<sup>(13)</sup> Skont id-Direttiva (UE) 2022/2464 u l-implimentazzjoni tagħha (id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà).

	<ul style="list-style-type: none"> <li>— miri kredibbli bbażati fuq ix-xjenza, meta proporzjonati, li huma appoġġati minn informazzjoni li tiżgura l-integrità, it-trasparenza u l-akkontabbiltà;</li> <li>— self għall-finanzjament ta' investimenti oħra għal tranżizzjoni fl-attivitajiet imsemmija fil-Punt 2.2. ta' din ir-Rakkomandazzjoni.</li> <li>— iddefinixxi indikaturi tal-prestazzjoni ambjentali robusti biex tiffinanzja investimenti korporattivi li huma inklużi fi pjan ta' tranżizzjoni.</li> </ul> <p>2) Fittex self bi skop ġenerali (korporattiv) marbut ma' titjib fil-prestazzjoni mil-lat ta' sostenibbiltà ġenerali f'konformità mat-tranżizzjoni kif definita taħt il-punt 2.1. Pereżempju:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— self b'miri ewlenin tal-prestazzjoni biex jiġu ffinanzjati investimenti għal tranżizzjoni li huma f'konformità ma' perkorsi ta' tranżizzjoni bbażati fuq ix-xjenza;</li> <li>— self b'miri ewlenin tal-prestazzjoni biex jiġu ffinanzjati investimenti għal tranżizzjoni li huma bbażati fuq is-sehem ġenerali tal-allinjament mat-Tassonomija li għandu jinkiseb;</li> <li>— self għall-finanzjament ta' investimenti għal tranżizzjoni li huma bbażati fuq pjan ta' tranżizzjoni kredibbli b'miri ewlenin tal-prestazzjoni.</li> </ul>
Bonds ekoloġiċi u bonds oħra tas-sostenibbiltà	<p>1) Ikkunsidra <b>l-ħruġ ta' bonds għal skop ta' tranżizzjoni speċifiku</b> billi turi l-użu tar-rikavati.</p> <p>Pereżempju, il-ħruġ ta' bond f'konformità mar-Regolament dwar il-bonds ekoloġiċi Ewropej biex jiġu ffinanzjati investimenti għal tranżizzjoni fl-attivitajiet ekonomiċi eliġibbli skont it-Tassonomija u biex jintlaħaq l-allinjament mat-Tassonomija fi żmien ħames (eċċezzjonalment 10) snin.</p> <p>2) Ikkunsidra l-ħruġ ta' <b>bond marbut ma' mira tal-prestazzjoni ta' tranżizzjoni</b> tal-impriża (pereż. bond marbut mas-sostenibbiltà) billi jtuża t-Tassonomija, pjanijiet kredibbli ta' tranżizzjoni fil-livell tal-entità <sup>(14)</sup> u fil-livell tal-attività, jew miri kredibbli bbażati fuq ix-xjenza meta proporzjonati, u:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— iddefinixxi miri ewlenin tal-prestazzjoni biex tiffinanzja investimenti korporattivi materjali li huma inklużi fi pjan ta' tranżizzjoni;</li> <li>— l-impriżi huma mistiedna jehmżu r-reqwiżiti ta' sostenibbiltà tagħhom skont bond marbut mas-sostenibbiltà mat-Tassonomija - jew mira relatata mal-parametri referenzjarji tal-klima tal-UE;</li> <li>— dan jista' jinkludi l-finanzjament ta' investimenti għal tranżizzjoni definit permezz ta' miri bbażati fuq it-Tassonomija.</li> </ul> <p>3) Ikkunsidra l-użu <b>tal-mudell ta' divulgazzjoni volontarja skont ir-Regolament dwar il-bonds ekoloġiċi Ewropej</b> biex tagħti informazzjoni standardizzata lill-investituri u lill-intermedjarji finanzjarji għall-ħruġ ta' bonds li ma jsewvux l-istandard Ewropew għall-bonds ekoloġiċi;</p>
Finanzjament mill-bejgħ ta' ishma	Meta l-ħruġ ta' <b>finanzjament mill-bejgħ ta' ishma</b> jkun strument ta' finanzjament adegwat, jikkunsidraw li jużaw kriterji ta' tranżizzjoni simili għal daww imsemmija hawn fuq biex jispeċifikaw il-miri ewlenin tal-prestazzjoni mil-lat ta' sostenibbiltà.
Finanzjament speċjalizzat	Ikkunsidra <b>finanzjament speċjalizzat</b> bħal lokazzjoni, soluzzjonijiet finanzjarji strutturati, il-finanzjament ta' proġetti u strumenti ta' finanzjament imħallat billi jintużaw kriterji ta' tranżizzjoni simili għal daww imsemmija hawn fuq biex tispeċifika l-miri ewlenin tal-prestazzjoni mil-lat ta' sostenibbiltà.

## 7. Użu tal-għodod ta' finanzjament sostenibbli tal-Unjoni Ewropea minn intermedjarji finanzjarji u investituri

*Din it-taqsimha hija relatata mal-punt 9 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.*

L-intermedjarji finanzjarji u l-investituri li jkunu lesti jipprovdu finanzjament tat-tranżizzjoni biex jappoġġaw it-tranżizzjoni tal-ekonomija reali jistgħu jużaw għodod ta' finanzjament sostenibbli biex jistabbilixxu miri tal-portafoll u jidentifikaw proġetti jew impriżi biex jiffinanzjaw it-tranżizzjoni. It-Tabella 4 hawn taħt tipprovdi aktar illustrazzjonijiet f'dan ir-riġward.

<sup>(14)</sup> Skont id-Direttiva (UE) 2022/2464 u l-implimentazzjoni tagħha (id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà).

Tabella 4

kif jintużaw l-għodod ta' finanzjament sostenibbli biex jiġu stabbiliti miri tal-portafoll u jiġu identifikati proġetti jew impriżi għall-finanzjament tat-tranżizzjoni

<p>Ikkunsidra l-użu ta' metodoloġiji tad-dekarbonizzazzjoni tal-parametri referenzjarji tal-klima tal-UE biex tistabbilixxi miri ta' tranżizzjoni tal-portafoll u tidentifika l-kumpaniji rilevanti:</p>	<p>L-użu ta' metodoloġiji tad-dekarbonizzazzjoni tal-parametri referenzjarji tal-klima tal-UE biex jiġu stabbiliti miri ta' dekarbonizzazzjoni:</p> <p>Ikkunsidra l-użu tal-parametri referenzjarji tal-klima tal-UE biex issegwi strateġiji tad-dekarbonizzazzjoni u tinvesti f'portafoll ta' impriżi b'miri klimatiki u ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni differenti. Oħloq prodotti finanzjarji li jirreplikaw il-metodoloġiji tal-parametri referenzjarji ta' hawn fuq <sup>(15)</sup>;</p> <p>L-amministraturi tal-parametri referenzjarji huma mħeġġa jikkunsidraw li jagħtu ponderazzjoni żejda lill-kumpaniji bbażat fuq il-miri ta' dekarbonizzazzjoni stabbiliti mill-kumpaniji;</p> <p>Ikkunsidra l-użu tal-metodoloġiji tal-parametri referenzjarji biex tivvaluta b'mod sistematiku l-istrumenti u l-portafolli ta' finanzjament, u tfasal perkorsi tal-portafoll lejn in-newtralità klimatika bi standards minimi għad-dekarbonizzazzjoni minn sena għal sena.</p> <p>L-użu ta' metodoloġiji tal-parametri referenzjarji tal-klima tal-UE biex jiġu identifikati l-impriżi għas-self jew għall-investment:</p> <p>Ikkunsidra l-użu tal-parametri referenzjarji tal-klima tal-UE jew parametri referenzjarji oħra tal-ESG ibbażati fuq ix-xjenza biex tidentifika l-kumpaniji li jagħmlu t-tranżizzjoni b'mod li huwa kompatibbli mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli; Ikkunsidra l-użu ta' parametri referenzjarji li jippermettu lill-amministraturi jagħtu ponderazzjoni żejda lill-impriżi b'perkors u pjan ta' tranżizzjoni bbażati fuq ix-xjenza;</p> <p>L-intermedjarji finanzjarji u l-investituri jistgħu jużaw kriterji ta' esklużjoni mill-metodoloġiji tal-parametri referenzjarji tal-klima tal-UE, fejn xieraq, biex jeskludu attivitajiet ekonomiċi jew metodi tal-produzzjoni li jagħmlu ħsara lill-ambjent jew lis-soċjetà, u dawk li mod ieħor jikkawżaw ħsara sinifikanti lil kull objettiv ambjentali jew tal-klima.</p>
<p>Ikkunsidra l-użu tat-Tassonomija biex tistabbilixxi miri fil-livell tal-portafoll u tidentifika l-impriżi rilevanti:</p>	<p><b>L-użu ta' kriterji tat-Tassonomija biex jiġu stabbiliti miri klimatiki u ambjentali tal-portafoll</b></p> <p>Ikkunsidra l-użu tal-kriterji u d-divulgazzjonijiet tat-Tassonomija biex tistabbilixxi miri u ssegwi l-progress maż-żmien fil-livell tal-portafoll u, fil-każ tas-sidien tal-assi, għall-allokazzjoni ġenerali tal-assi.</p> <p>Ikkunsidra d-divulgazzjonijiet tat-Tassonomija biex issegwi l-proporzjon ta' investimenti eliġibbli skont it-Tassonomija, il-proporzjon ta' investimenti allinjati mat-Tassonomija, u l-progress lejn l-allinjament mal-kriterji tat-Tassonomija.</p> <p>Soġġett għad-disponibbiltà tad-<i>data</i>, ikkunsidra l-użu tal-proporzjon tal-assi ekoloġiċi u l-proporzjon ta' investimenti ekoloġiċi bbażati fuq it-Tassonomija biex tistabbilixxi miri speċifiċi għas-settur fil-livell tal-portafoll li magħhom tista' tikkonverġi l-medja tal-portafoll matul it-tranżizzjoni. Pereżempju, il-banek jistgħu jużaw il-proporzjon tal-assi ekoloġiċi u l-emissjonijiet assoluti tal-karbonju fil-portafolli rilevanti jew l-effiċjenza enerġetika medja ta' portafoll ipotekarju biex jiżviluppaw miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet jew mira tal-effiċjenza enerġetika u stadji importanti bejniethom.</p>

<sup>(15)</sup> Il-parametri referenzjarji jirrikjedu rekwiżit ta' xenarju ta' referenza tad-dekarbonizzazzjoni ta' 30 % għall-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u ta' 50 % għall-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi, rekwiżit tad-dekarbonizzazzjoni ta' 7 % sena wara sena, l-inklużjoni tal-emissjonijiet tal-Ambitu 3, ir-restrizzjonijiet tal-allokazzjoni tal-ekwità biex tiġi żgurata li r-rappreżentanza tal-industriji tikkorrispondi għal dik tal-parametri referenzjarji prinċipali (tiġi evitata l-preġudizzju tal-industrija);

	<p>Ikkunsidra l-użu tal-proporzjon tad-dħul ippjanat, in-nefqa kapitali jew in-nefqa operattiva relatata mat-tranżizzjoni ta' impriżi li se jkunu allinjati mat-Tassonomija fi żmien ħames (eċċezzjonalment 10) snin (iżda ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2178 biex jiġu rikonoxxuti immedjatament bħala nefqa kapitali allinjata mat-Tassonomija) bħala proporzjon tal-assi ekoloġiċi futuri jew ippjanati, meta jkunu appoġġati minn pjan ta' tranżizzjoni kredibbli.</p> <p>Metrika simili tista' titfassal ukoll għal attivitajiet eliġibbli mhux tat-Tassonomija li huma koperti minn pjan ta' tranżizzjoni kredibbli.</p> <p><b>L-użu tad-divulgazzjonijiet tat-Tassonomija biex jiġu identifikati l-impriżi għas-self jew għall-investment:</b></p> <p>Ikkunsidra l-użu tad-divulgazzjonijiet tat-Tassonomija minn impriżi dwar id-dħul eliġibbli għat-Tassonomija u dak allinjat mat-Tassonomija, in-nefqa kapitali u meta rilevanti in-nefqa operatorja, biex tikkomplementa <i>data</i> korporattiva oħra biex tidentifika proġetti ta' tranżizzjoni</p> <p>Fil-każ ta' proġetti eliġibbli għat-Tassonomija, ikkunsidra l-użu ta' divulgazzjonijiet obbligatorji - u meta disponibbli volontarji - relatati mat-Tassonomija, f'divulgazzjonijiet korporattivi jew pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-entità jew speċifiċi għall-attività, biex tidentifika proġetti b'objettivi ta' finanzjament tat-tranżizzjoni li jstabbilixxu miri marbuta ma':</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— l-allinjament tat-tassonomija, bl-għan li jiġu ssodisfati l-kriterji tat-Tassonomija fi stadji jew fuq perjodu ta' żmien definit;</li> <li>— elementi tal-kriterji tat-tassonomija, bħal la tagħmilx ħsara sinifikanti, li jiżguraw titjib sinifikanti fil-prestazzjoni;</li> <li>— i-verifika jekk hemmx fis-seħħ pjanijiet ta' tranżizzjoni speċifiċi għall-attività, biex tiżgura li l-miri ta' tali proġetti jkunu allinjati mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli;</li> <li>— fil-każ ta' attivitajiet ekonomiċi mhux koperti minn atti delegati adottati skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija, jużaw il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament dwar it-Tassonomija bħala gwida tal-kundizzjonijiet minimi biex attività titqies għall-finanzjament tat-tranżizzjoni.</li> </ul>
<p>Ikkunsidra l-użu ta' divulgazzjonijiet korporattivi skont id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà biex tagħżel impriżi b'objettivi u ħtiġijiet speċifiċi ta' tranżizzjoni:</p>	<p>Ikkunsidra l-użu ta' <b>metrika komuni fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni</b>, kemm fil-livell tal-entità kif ukoll f'dak tal-attività, biex jidentifikaw b'mod sistematiku l-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni f'ċerti setturi, fuq il-bażi tal-metriċi finanzjarji u l-pjanijiet ta' investment li jirrapportaw il-korporazzjonijiet, pereżempju:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Il-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, għall-emissjonijiet tal-Ambitu 1, tal-Ambitu 2, u sa fejn ikun possibbli anki l-emissjonijiet materjali tal-Ambitu 3;</li> <li>— L-allinjament mat-Tassonomija u l-pjanijiet ta' allinjament għall-attivitajiet ekonomiċi f'setturi b'impatt għoli;</li> <li>— In-nefqa kapitali għall-finanzjament tal-passi ta' tranżizzjoni b'referenzi għall-metrika ta' sostenibbiltà ewlenija użata (pereż. in-nefqa kapitali bbażata fuq it-tassonomija);</li> <li>— Il-kredibbiltà tal-miri ta' tranżizzjoni bbażati fuq l-azzjonijiet u l-lievi li l-impriżi jippjanaw li jużaw biex jilhq u d-dipendenza tagħhom fuq fatturi esterni, <sup>(16)</sup> u l-ispejjeż mistennija tat-tranżizzjoni;</li> <li>— Ir-riskji ta' tranżizzjoni u kif il-miri ta' tranżizzjoni potenzjali jistgħu jnaqqsu tali riskji maż-żmien;</li> <li>— Esponiment għall-opportunitajiet finanzjarji relatati mal-klima (pereż. bħala % tal-attività ġenerali tal-portafoll/sottoskrizzjoni)</li> <li>— L-emissjonijiet iffinanzjati attwali u pplanati fis-setturi, fiż-żoni ġeografiċi u fil-perjodi ta' żmien kollha;</li> <li>— Metriċi ta' allinjament tal-portafoll (pereż. l-intensità medja ponderata tal-karbonju, iż-żieda implikata fit-temperatura, emissjonijiet iffinanzjati relattivi ma' parametru referenzjarju bbażat fuq ix-xjenza użat b'mod komuni).</li> </ul>

<sup>(16)</sup> Pereż. politika futura possibbli, livell ta' tħejija teknoloġika, aċċettabbiltà soċjali, disponibbiltà tar-riżorsi u impatti klimatiċi fiżiċi fis-siti kollha li fihom joperaw

	<p>Ikkunsidra l-użu ta' <b>divulgazzjonijiet dwar il-pjanijiet ta' tranżizzjoni</b> biex tidentifika impriżi jew proġetti speċifiċi b'miri ċari tad-dekarbonizzazzjoni li bħalissa joperaw b'emissjonijiet għoljin iżda li għandhom pjanijiet ta' tranżizzjoni kredibbli biex inaqqsuhom maż-żmien, li jippermetti lill-portafoll jiddekarbonizza bl-istess pass bħall-impriżi destinatarji ta' investment.</p> <p>Ikkunsidra l-użu <b>tal-istandards u l-gwida</b> skont id-Direttiva (UE) 2022/2464 u l-implimentazzjoni tagħha (Corporate Sustainability Reporting Directive, CSRD), meta disponibbli, biex tikkunsidra l-prestazzjoni klimatika u ambjentali ta' impriża, il-punt tat-tluq tagħha u l-perkors ta' tranżizzjoni individwali, biex tikkomplementa d-divulgazzjonijiet dwar il-miri ta' tranżizzjoni, il-pjanijiet ta' tranżizzjoni u d-<i>data</i> tar-rapportar finanzjarju.</p>
<p>Ikkunsidra l-użu tad-divulgazzjonijiet u l-prospetti li jakkumpanjaw il-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi, ta' tranżizzjoni u daww marbuta mas-sostenibbiltà jew ta' ekwità:</p>	<p>Ikkunsidra l-użu ta' <b>informazzjoni pprovduta mill-emittenti ta' bonds ekoloġiċi, bonds marbuta mas-sostenibbiltà jew bonds oħra</b> b'karatteristiċi ta' finanzjament tat-tranżizzjoni biex tagħżel investimenti b'integrità ambjentali u l-livell ta' ambizzjoni li jkun qed ifittex investitur.</p> <p>Ikkunsidra l-użu tal-livell għoli ta' trasparenza pprovdut mir-<b>Regolament dwar il-bonds ekoloġiċi Ewropej</b> biex tagħżel proġetti għall-finanzjament tat-tranżizzjoni meta l-integrità ambjentali hija żgurata mit-Tassonomija. It-trasparenza mtejbja fl-użu tar-rikavat iżżid il-kredibbiltà u l-affidabbiltà ta' tali investimenti, b'mod partikolari jekk ikunu konnessi ma' limiti massimi jew miri tas-sostenibbiltà stabbiliti mill-impriża u divulgati fid-divulgazzjonijiet korporattivi tagħha.</p> <p>Ikkunsidraw l-użu tal-<b>grad għoli ta' trasparenza</b> pprovdut mill-emittenti bl-<b>użu ta' formoli ta' divulgazzjoni volontarja</b> għall-emittenti li jużaw standards oħra għajr daww ipprovduti mir-Regolament dwar il-bonds ekoloġiċi Ewropej biex jagħżlu proġetti għall-finanzjament ta' tranżizzjoni li huma allinjati mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli.</p> <p>Ikkunsidra l-użu tal-<b>informazzjoni dwar l-oġettivi ta' tranżizzjoni</b> jew il-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni inklużi fil-prospetti għall-ħruġ minn impriżi fi tranżizzjoni biex tivvaluta r-riskji u l-karatteristiċi tas-sostenibbiltà ta' ħruġ flimkien ma' riskji u benefiċċji finanzjarji oħra tal-proġett <sup>(17)</sup>.</p>

<sup>(17)</sup> Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1129, (UE) Nru 596/2014 u (UE) Nru 600/2014 sabiex is-swieq kapitali pubbliċi fl-Unjoni jsiru aktar attraenti għall-kumpaniji u sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kapital għall-intrapriżi żgħar u medji, (COM/2022/762 final), tikkontribwixxi għat-trasparenza billi tirrikjedi l-inklużjoni ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà fil-prospetti għall-ħruġ b'asserzjonijiet dwar is-sostenibbiltà.





ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)